Left side entering from Triq il-Vitorja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Vitorja

Right side entering from Triq il-Vitorja

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
178, St Albert House	178
Bieb bla numru	178A
180 (Ħanut)	180
Bieb bla numru	180A
182 (Ħanut)	182

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
178, St Albert House	178

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Bieb bla numru	**180**
		182 (Ħanut)	182

* In-numri 178A u 180A mhux se jintużaw peress li nfetħu inqas bibien milli kien hemm mibni oriġinarjament

It-8 ta' Marzu, 2024

Nru. 349

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 785 tal-14 ta' Settembru, 2001, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

8th March, 2024

No. 349

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 785 dated 14th September, 2001, under the title 'Renumbering of doors at Il-Mosta', the following amendments in **bold** should be made.

IL-MOSTA

42. TRIQ IL-MIDBAĦ

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Vjal il-Qalbiena Mostin

Left side entering from Vjal il-Qalbiena Mostin

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Daylight (Flettijiet 1-2)	35
Bieb bla numru (Dar)	37
9, California	39
Garaxx	41
Ħanut	43
Elia House	45
Garaxx	47
Rayon De Lune	49
12 (Flettijiet 1-2)	51

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Vjal il-Qalbiena Mostin

Right side entering from Vjal il-Qalbiena Mostin

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
35, Daylight (Flettijiet 1-2)	35
37	37
The Willows (Flettijiet)	**39**
39, California	**41**
Daħla għall-garaxxijiet	**41A**
43 (Ħanut)	43
45, Elia House	45
Daħla għall-garaxxijiet	**47**
49	**49**
Trinity Court	**49A**
51	51

Nru. 350

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'SAN ĠWANN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 564 tal-11 ta' Lulju, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'San Ġwann', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 350

NUMBERING OF DOORS AT SAN ĠWANN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 564 dated 11th July, 2000, under the title 'Renumbering of doors at San Ġwann', the following amendments in **bold** should be made.

SAN ĠWANN

34. TRIQ IL-KAPUĊĊINI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq Bernardette

Left side entering from Triq Bernardette

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
1, San Juda	1
Garaxx	3
Joisca	5
Anton House	7
5, Tessie	9
Garaxx	11
St Helen House	13

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq Bernardette

Right side entering from Triq Bernardette

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Garaxx	2
Garaxx	4
Garaxx	6
Garaxx	8
Joscar House	10

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
1, San Juda	1
3, Ta' Ġillu Flats	**3**
Garaxx	**3A**
5, Joisca	5
Grace Court	**7**
Bieb bla numru	**9**
Daħla għall-garaxxijiet	**9A**
11 (Garaxx)	11
13, St Helen House	13

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
M N Holdings	**2**
Bieb bla numru	**4**
Bixkin Residence (Flettijiet)	**6**
8, Goelv	**8**
10, Joscar House	10

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Ħanut	17
St. Paul	19
Santa Maria	21

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
17	17
St Paul's Court	**19**
21, Santa Maria	21

Nru. 351

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'KAPPARA, SAN ĠWANN

Emendi

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 564 tal-11 ta' Lulju, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'San Ġwann', għandhom isiru dawn l-emendi kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 351

NUMBERING OF DOORS AT KAPPARA, SAN ĠWANN

Amendments

WITH reference to Government Notice No. 564 dated 11th July, 2000, under the title 'Renumbering of doors at San Ġwann', the following amendments in **bold** should be made.

KAPPARA, SAN ĠWANN

8. TRIQ IL-BARBAĠANN

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kuċċard

Left side entering from Triq il-Kuċċard

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Lotus	15
Garaxx	17
Tanamera	19
Garaxx	21
Garaxx	23
Bieb bla numru (Dar)	25
Aiuola	27

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kuċċard

Right side entering from Triq il-Kuċċard

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
15, Lotus	15
17 (Garaxx)	17
Daħla għall-garaxxijiet	**19**
19, St Agatha Mansions	**21**
Daħla għall-garaxxijiet	**23**
23, Melba (Flettijiet)	**25**
27, Aiuola	27

It-8 ta' Marzu, 2024

8th March, 2024

Nru. 352

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIS-SWATAR, BIRKIRKARA

Emendi u Prolungament

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 231 tal-20 ta' Marzu, 2000, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Birkirkara', għandhom isiru dawn l-emendi u prolungament kif indikati b'tipi **grassi**.

No. 352

NUMBERING OF DOORS AT IS-SWATAR, BIRKIRKARA

Amendments and Prolongation

WITH reference to Government Notice No. 231 dated 20th March, 2000, under the title 'Renumbering of doors at Birkirkara', the following amendments and prolongation in **bold** should be made.

IS-SWATAR, BIRKIRKARA

30. TRIQ GIANNI VELLA

Emendi – *Amendments*

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq iż-Żerniq

Left side entering from Triq iż-Żerniq

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq iż-Żerniq

Right side entering from Triq iż-Żerniq

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		Garaxx	18
		Maħżen	20
		Garaxx	22

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		16, Girna	16
		Little Bee	**18**
		Diaz	**20**
		Daħla għall-garaxxijiet	**20A**
		22 (Garaxx)	22

Prolungament – *Prolongation*

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Wind Chimes	21		

għandhom jiżdiedu
should be added

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Daħla għall-garaxxijiet	**23**		
Daħla għall-garaxxijiet	**25**		
Sunflower Court	**27**		
Green Leaf (Ħanut)	**29**		
Insight (Accounting Services)	**31**		

It-8 ta' Marzu, 2024

Nru. 353

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN FIL-MOSTA

Kjarifiki

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 236 tas-16 ta' Frar, 2024, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien fil-Mosta', għandhom isiru dawn il-kjarifiki kif indikati b'tipi **grassi**.

8th March, 2024

No. 353

NUMBERING OF DOORS AT IL-MOSTA

Clarifications

WITH reference to Government Notice No. 236 dated 16th February, 2024, under the title 'Numbering of doors at Il-Mosta', the following clarifications in **bold** should be made.

IL-MOSTA

2. TRIQ IL-WIED

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq il-Kostituzzjoni

Left side entering from Triq il-Kostituzzjoni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq il-Kostituzzjoni

Right side entering from Triq il-Kostituzzjoni

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
178, Valley View Court, Blk A	144
Hermanos	168

għandhom jinqraw
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
		178, Valley Court, Blk A	144
		Hermanas	168

It-8 ta' Marzu, 2024

8th March, 2024

Nru. 354

No. 354

NUMRI ĠODDA TA' BIBIEN F'ĦAŻ-ŻABBAR

Kjarifika

B'RIFERENZA għan-Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 126 tas-26 ta' Jannar, 2024, taħt it-titlu 'Numri ġodda ta' bibien f'Ħaż-Żabbar', għandha ssir din il-kjarifika kif indikata b'tipi **grassi**.

NUMBERING OF DOORS AT ĦAŻ-ŻABBAR

Clarification

WITH reference to Government Notice No. 126 dated 26th January, 2024, under the title 'Numbering of doors at Ħaż-Żabbar', the following clarification in **bold** should be made.

ĦAŻ-ŻABBAR

TRIQ IL-KAPPUĊĊINI

In-naħa tax-xellug meta tidħol minn Triq ix-Xgħajra

Left side entering from Triq ix-Xgħajra

In-naħa tal-lemin meta tidħol minn Triq ix-Xgħajra

Right side entering from Triq ix-Xgħajra

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Kaffir Lilly	133		

għandha tinqara
should read

Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*	Isem/Numru Qadim *Name/Old Number*	Numru ġdid *New Number*
Kaiffir Lilly	133		

It-8 ta' Marzu, 2024

8th March, 2024

Nru. 355

No. 355

ATT DWAR IL-ĦADDIEMA D-DEHEB U L-ĦADDIEMA L-FIDDA (ARĠENTIERA) (KAP. 46)

GOLDSMITHS AND SILVERSMITHS ACT (CAP. 46)

IL-KUMMISSARJU tat-Taxxi Interni jgħarraf illi, fid-data li tidher hawn taħt, il-prezz tad-deheb u l-fidda li fuqu huma bbażati l-valutazzjonijiet magħmulin mill-Konslu għall-Ħaddiema d-Deheb u l-Ħaddiema l-Fidda ġie ffissat għall-finijiet tal-artikolu 14 tal-imsemmi Att kif ġej:

THE Commissioner of Inland Revenue notifies that, on the date shown hereunder, the price of gold and silver on which valuations made by the Consul for Goldsmiths and Silversmiths are based has been fixed for the purposes of article 14 of the said Act as follows:

Data *Date*	Deheb Pur Gramma *Pure Gold* *Grams*	Fidda Pura Gramma *Pure Silver* *Grams*
8.3.2024	€63.133	€0.703

It-8 ta' Marzu, 2024

8th March, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 52

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont l-Avviż Legali 94/97 it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklassifikati bħala Żoni ta' Rmonk fid-dati u l-ħinijiet kif indikat hawn taħt.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ir-Rabat (Malta)

Nhar it-Tnejn, 11 ta' Marzu, 2024, mit-8.00 a.m. sal-11.30 a.m., minn Triq San Pawl.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Marzu, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 53

Il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf li skont il-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.05 u l-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 65.13, it-toroq hawn taħt imsemmija se jiġu kklasifikati bħala Żoni ta' Rmonk kif indikat hawn taħt fid-dati u ħinijiet indikati.

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolamenti tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan jista' jagħti l-każ li ma jkunux jistgħu jgħaddu jew jiddawru mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati

Ħal Għaxaq

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mis-1.00 p.m. sal-11.00p.m., minn Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija behind the church, Triq Santu Rokku, Pjazza San Filippu, Triq Marjano Gerada, Dawret Ħal Għaxaq (service road), Triq Santa Tereża, Triq Santa Marija, Triq il-Miksur, Triq id-Dejl, Triq il-Ħareb, taqsam il-bypass, Triq Santa Tereża u Pjazza Santa Marija

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Iż-Żurrieq

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Misraħ ir-Repubblika.

POLICE NOTICE

No. 52

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of L.N. 94/97 the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones as indicated hereunder on the dates and times indicated.

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulations Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles through the streets mentioned hereunder will be suspended or deviated on the dates and times indicated.

Rabat (Malta)

On Monday, 11th March, 2024, from 8.00 a.m. till 11.30 a.m., through Triq San Pawl.

Vehicles found in contravention to the order of this notice are liable to be towed.

8th March, 2024

POLICE NOTICE

No. 53

The Commissioner of Police hereby notifies that in terms of Subsidiary Legislation 65.05 and Subsidiary Legislation 65.13, the streets listed hereunder are to be classified as Tow Zones.

In virtue of Section 52 (1) of the Traffic Regulations (Chapter 65). The Commissioner of Police hereby notifies that the transit and stopping of vehicles through the streets mentioned hereunder may be prohibited on the dates and times indicated.

Ħal Għaxaq

On Sunday, 24th March, 2024, from 1.00 p.m. till 11.00p.m., through Pjazza Santa Marija, Triq Santa Marija behind the church, Triq Santu Rokku, Pjazza San Filippu, Triq Marjano Gerada, Dawret Ħal Għaxaq (service road), Triq Santa Tereża, Triq Santa Marija, Triq il-Miksur, Triq id-Dejl, Triq il-Ħareb, crossing the bypass, Triq Santa Tereża and Pjazza Santa Marija.

Public transport will also be affected.

Żurrieq

On Sunday, 24th March, 2024, from 3.00 p.m. till 8.00 p.m., through Misraħ ir-Repubblika.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ix-Xagħra

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024, mill-5.00 p.m. sad-9.15 p.m., minn Triq Ta' Mannar, Triq Ġnien Xibla, Triq it-Tiġrija u Pjazza l-Vittorja;

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, mit-3.00 p.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza l-Vittorja, Vjal it-8 ta' Settembru, Triq il-Bambina, Triq il-Mitħna, Triq l-Imqades, Triq Franġisk Camilleri, Vjal it-8 ta' Settembru u Pjazza l-Vittorja;

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu, 2024, mis-7.00 a.m. sal-11.00 a.m., minn Pjazza l-Vittorja, Triq l-Ispiera, Triq il-Knisja u Pjazza l-Vittorja;

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu, 2024, mill-4.00 p.m.sat-8.30 p.m., minn Pjazza l-Vittorja, Triq Triq l-Ispiera, Triq il-Knisja u Pjazza l-Vittorja;

Nhar il-Ġimgħa, 29 ta' Marzu, 2024, mit-3.30 p.m. sal-11.00 p.m., minn Pjazza l-Vittorja, Triq it-8 ta'April 1688, Pjazza Sant'Anton, Triq San Ġużepp, Triq Ta' Bullara, Triq Jannar u Pjazza l-Vittorja;

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024, mit-3.00 p.m. sat-8.30 p.m., minn Triq Marija Bambina, Vjal it-8 ta' Settembru, parti minn Triq it-Tiġrija, Triq Ġużeppi Rapa, Triq l-Arċipriet Ġużeppi Diacono, Pjazza l-Vittorja, Triq l-Ispiera, Triq il-Knisja, Pjazza l-Vittorja, Vjal it-8 ta' Settembru u Triq Marija Bambina.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Belt Valletta

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024, mis-2.00 p.m. sal-11.00 p.m., minn Triq Melita bejn Triq il-Merkanti u Triq San Pawl, Triq San Pawl bejn Triq Melita u Triq San Nikola, Triq San Nikola bejn Triq San Pawl u Triq il-Merkanti u Triq il-Merkanti bejn Triq San Nikola u Triq San Kristofru.

It-trasport pubbliku (Valletta Circular Bus) jista' jkun affettwat.

L-għeluq tat-toroq isir skont il-bżonn.

Ta' Sannat

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, mill-4.45 p.m. sad-9.00 p.m., minn Pjazza Santa Margerita, Triq Ta' Ċenċ u Triq Ta' Skerla;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mit-8.30 a.m. sa 11.50 a.m., minn Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri, Triq Vincenzo Caruana Spiteri u Pjazza Santa Margerita;

Public transport will also be affected.

Xagħra

On Friday, 15th March, 2024, from 5.00 p.m. till 9.15 p.m., through Triq Ta' Mannar, Triq Ġnien Xibla, Triq it-Tiġrija and Pjazza l-Vittorja;

On Friday, 22nd March, 2024, from 3.00 p.m. till 8.00 p.m., through Pjazza l-Vittorja, Vjal it-8 ta' Settembru, Triq il-Bambina, Triq il-Mitħna, Triq l-Imqades, Triq Franġisk Camilleri, Vjal it-8 ta' Settembru and Pjazza l-Vittorja;

On Friday, 24th March, 2024, from 7.00 a.m. till 11.00 a.m., through Pjazza l-Vittorja, Triq Triq l-Ispiera, Triq il-Knisja and Pjazza l-Vittorja;

On Friday, 24th March, 2024, from 4.00 p.m. till 8.30 p.m., through Pjazza l-Vittorja, Triq Triq l-Ispiera, Triq il-Knisja and Pjazza l-Vittorja;

On Friday, 29th March, 2024, from 3.30 p.m. till 11.00 p.m., through Pjazza l-Vittorja, Triq it-28 ta' April 1688, Pjazza Sant'Anton, Triq San Ġużepp, Triq Ta' Bullara, Triq Jannar and Pjazza l-Vittorja;

On Sunday, 31st March, 2024, from 3.00 p.m. till 8.30 p.m., through Triq Marija Bambina, Vjal it08 ta' Settembru, part of Triq it-Tiġrija, Triq Ġużeppi Rapa, Triq l-Arċipriet Ġużeppi Diacono, Pjazza l-Vittorja, Triq l-Ispiera, Triq il-Knisja, Pjazza l-Vittorja, Vjal it-8 ta' Settembru and Triq Marija Bambina.

Public transport may also be affected.

Valletta

On Sunday, 31st March, 2024, from 2.00 p.m. till 11.00 p.m., through Triq Melita between Triq il-Merkanti and Triq San Pawl, Triq San Pawl between Triq Melita and Triq San Nikola, Triq San Nikola between Triq San Pawl and Triq il-Merkanti and Triq il-Merkanti between Triq San Nikola and Triq San Kristofru.

Public transport (Valletta Circular Bus) may be affected.

Road closure will be done as required.

Ta' Sannat

On Friday, 22nd March, 2024, from 4.45 p.m. till 9.00 p.m., through Pjazza Santa Margerita, Triq Ta' Ċenċ and Triq Ta' Skerla;

On Sunday, 24th March, 2024, from 8.30 a.m. till 11.50 a.m., through Triq l-Isqof Davide Cocco Palmeri, Triq Vincenzo Caruana Spiteri and Pjazza Santa Margerita;

Nhar l-Erbgħa, 27 ta' Marzu, 2024, mill-4.30 p.m. sat-8.00 p.m., minn Pjazza Santa Margerita, Triq Dun Xand Aquilina, Triq Santa Marija u Triq Ta' Ċenċ.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Il-Qrendi

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, mit-3.00 p.m. sas-7.00 p.m., purċissjoni minn Triq il-Parroċċa, Pjazza San Mattew, Triq il-Kbira, Triq is-Salvatur, Triq it-Torri u Triq San Nikola;

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mis-7.00 a.m. sa nofsinhar, minn Triq il-Kbira, Triq is-Suq u Triq il-Parroċċa sal-knisja parrokkjali.

Nhar il-Ħamis, 28 ta' Marzu, 2024, mill-5.00 p.m. sal-10.00 p.m., minn Triq il-Kurat Mizzi, Triq Filippu Gutenburg, Triq il-Kabiri, Triq it-Tempesta, Triq Ħal Lew, Triq Sant'Anna, Triq N. Mifsud, Triq Ġużè Cassar, Triq Tal-Ħniena, Triq il-Kbira, Triq Santa Katarina, Triq l-Imqabba, Triq it-Tempesta, Triq il-Fulija u Triq Tal-Ħniena;

Nhar it-Tnejn, l-1 ta' April, 2024, mit-3.00 p.m.sas-6.30 p.m. minn Triq il-Parroċċa, Pjazza San Mattew, Triq il-Kbira, Triq is-Salvatur, Triq it-Torri, Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa sa quddiem il-knisja parrokkjali;

Nhar it-Tlieta, 2 ta' April, 2024, mill-5.00 p.m. sat-8.00p.m., minn Triq il-Parroċċa, Triq is-Suq, Triq il-Kbira, Triq it-Torri, Triq San Nikola u Triq il-Parroċċa;

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Ir-Rabat (Għawdex)

Nhar il-Ġimgħa, 15 ta' Marzu, 2024, mill-4.45 p.m. sat-8.30 p.m. minn Pjazza Santu Wistin, Triq il-Librerija, Triq Santa Marija, Pjazza Savina, Triq Sir Adrian Dingli, Telgħa tal-Kastell and Misraħ il-Katidral.

Nhar il-Ġimgħa, 24 ta' Marzu, 2024, mill-4.00 p.m. sal-10.30 p.m. minn Pjazza Katidral, Telgħa tal-Belt, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Triq Vajringa, Triq Palma u Triq Repubblika.

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024, mid-9.00 a.m. sas-1.30 p.m. minn Pjazza Katidral, Triq il-Kastell, Triq Sant'Ursola, Pjazza Savina, Pjazza Indipendenza u Telgħa tal-Belt.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Ir-Rabat (Għawdex)/San Franġisk

Nhar il-Ħadd, 23 ta' Marzu, 2024, mis-7.30 a.m. sal-11.00 a.m., minn Pjazza San Franġisk;

On Wednesday, 27th March, 2024, from 4.30 p.m. till 8.00 p.m., through Pjazza Santa Margerita, Triq Dun Xand Aquilina, Triq Santa Marija and Triq Ta' Ċenċ.

Public transport may also be affected.

Qrendi

On Friday, 22nd March, 2024, from 3.00 p.m. till 7.00 p.m., procession through Triq il-Parroċċa, Pjazza San Mattew, Triq il-Kbira, Triq is-Salvatur, Triq it-Torri and Triq San Nikola;

On Sunday, 24th March, 2024, from 7.00 a.m. till noon, through Triq il-Kbira, Triq is-Suq and Triq il-Parroċċa towards the parish church;

On Thursday, 28th March, 2024, from 5.00 p.m. till 10.00 p.m., through Triq il-Kurat Mizzi, Triq Filippu Gutenburg, Triq il-Kabiri, Triq it-Tempesta, Triq Ħal Lew, Triq Sant'Anna, Triq N. Mifsud, Triq Ġużè Cassar, Triq Tal-Ħniena, Triq il-Kbira, Triq Santa Katarina, Triq l-Imqabba, Triq it-Tempesta, Triq il-Fulija and Triq Tal-Ħniena;

On Monday, 1st April, 2024, from 3.00 p.m. till 6.30 p.m., through Triq il-Parroċċa, Pjazza San Mattew, Triq il-Kbira, Triq is-Salvatur, Triq it-Torri, Triq San Nikola and Triq il-Parroċċa till in front of the parish church;

On Tuesday, 2nd April, 2024, from 5.00 p.m. till 8.00p.m., through Triq il-Parroċċa, Triq is-Suq, Triq il-Kbira, Triq it-Torri, Triq San Nikola and Triq il-Parroċċa.

Public transport may also be affected.

Victoria (Gozo)

On Friday, 15th March, 2024, from 4.45 p.m. till 8.30 p.m., through Pjazza Santu Wistin, Triq il-Librerija, Triq Santa Marija, Pjazza Savina, Triq Sir Adrian Dingli, Telgħa tal-Kastell and Misraħ il-Katidral;

On Friday, 24th March, 2024, from 4.00 p.m. till 10.30 p.m., through Pjazza Katidral, Telgħa tal-Belt, Pjazza Savina, Triq Santa Marija, Triq il-Librerija, Pjazza Santu Wistin, Triq Vajringa, Triq Palma and Triq Repubblika;

On Sunday, 31st March, 2024, from 9.00 a.m. till 1.30 p.m., through Pjazza Katidral, Triq il-Kastell, Triq Sant'Ursola, Pjazza Savina, Pjazza Indipendenza and Telgħa tal-Belt.

Public transport may also be affected.

Victoria (Gozo)/San Franġisk

On Sunday, 23rd March, 2024, from 7.30 a.m. till 11.00 a.m., through Pjazza San Franġisk;

Nhar il-Ħadd, 7 ta' April, 2024, mill-4.00 p.m. sat-8.15 p.m., minn Triq Għajn Qatet, Triq San Duminku, Triq Enrico Mizzi, Triq Arturo Mercieca, Triq Vajringa u Pjazza San Franġisk.

Trasport pubbliku jista' jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Marzu, 2024

AVVIŻ TAL-PULIZIJA

Nru. 54

Bis-saħħa tal-Artikolu 52(1) tal-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku (Kap. 65), il-Kummissarju tal-Pulizija jgħarraf illi l-vetturi tas-sewqan ma jkunux jistgħu jgħaddu mit-toroq imsemmija hawn taħt fid-dati u l-ħinijiet indikati.

Ħ'Attard

Nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024, mis-6.45 p.m. sat-8.15 p.m. minn Triq il-Kbira, Triq Birkirkara, Triq il-Ġonna, Triq Sant' Antnin, Triq il-Mitħna, Triq San Duminku u Triq il-Mosta.

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mid-8.45 a.m. sal-9.45 a.m. minn Triq il-Kbira, Triq il-Mitħna, Triq San Dunimku u Triq il-Mosta.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Ħal Balzan

Nhar il-Ħadd, 24 ta' Marzu, 2024, mill-10.15 a.m. sas-12.45 p.m., minn Pjazza Bertu Fenech, Triq it-Tliet Knejjes, Triq Zahra, Triq Balaguer, Triq iz-Zekkuk, Triq Santa Marija, Triq Valent Muscat u Triq il-Kbira;

Nhar il-Ħadd, 31 ta' Marzu, 2024, mit-8.15 a.m. sal-9.45 a.m. minn Triq it-Tliet Knejjes u Pjazza Bertu Fenech.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Birkirkara

Nhar it-Tlieta, 26 ta' Marzu, 2024, mis-7.00 p.m. sad-9.15 p.m., minn Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara, Triq il-Passju, Triq l-Akkwedott, Triq l-1 ta' Mejju u Triq il-Vlontin.

Trasport pubbliku se jkun affettwat.

Vetturi li jiksru l-ordni ta' dan l-avviż ikunu suġġetti li jiġu rmunkati.

It-8 ta' Marzu, 2024

On Sunday, 7th April, 2024, from 4.00 p.m. till 8.15 p.m., through Triq Għajn Qatet, Triq San Duminku, Triq Enrico Mizzi, Triq Arturo Mercieca, Triq Vajringa and Pjazza San Franġisk.

Public transport may also be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

8th March, 2024

POLICE NOTICE

No. 54

In virtue of Article 52(1) of the Traffic Regulation Ordinance (Cap. 65), the Commissioner of Police hereby notifies that the transit of vehicles from the streets mentioned hereunder will be suspended on the dates and times indicated.

Ħ'Attard

On Friday, 22nd March, 2024, from 6.45 p.m. till 8.15 p.m., through Triq il-Kbira, Triq Birkirkara, Triq il-Ġonna, Triq Sant'Antnin, Triq il-Mitħna, Triq San Duminku and Triq il-Mosta;

On Sunday, 24th March, 2024, from 8.45 a.m. till 9.45 a.m., through Triq il-Kbira, Triq il-Mitħna, Triq San Dunimku and Triq il-Mosta.

Public transport will be affected.

Ħal Balzan

On Sunday, 24th March, 2024, from 10.15 a.m. till 12.45 p.m., through Pjazza Bertu Fenech, Triq it-Tliet Knejjes, Triq Zahra, Triq Balaguer, Triq iz-Zekkuk, Triq Santa Marija, Triq Valent Muscat and Triq il-Kbira;

On Sunday, 31st March, 2024, form 8.15 a.m. till 9.45 a.m., through Triq it-Tliet Knejjes and Pjazza Bertu Fenech.

Public transport will be affected.

Birkirkara

On Tuesday, 26th March, 2024, from 7.00 p.m. till 9.15 p.m., through Triq Fleur-De-Lys, Birkirkara, Triq il-Passju, Triq l-Akkwedott, Triq l-1 ta' Mejju and Triq il-Vlontin.

Public transport will be affected.

Any vehicles found parked in contravention to the order of this notice are liable to be towed away.

8th March, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 7 tal-2024

Kanċellazzjoni ta' Avviż lill-Baħħara Nru. 5 tal-2024 rigward Ricasoli Breakwater Head, Dħul għall-Port tal-Belt Valletta – MITFI

B'referenza għal BA Chart 177 – Valletta Harbours

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li r-Ricasoli Breakwater Head fid-daħla tal-Port il-Kbir, itteptep malajr aħmar (Q.R.), fil-pożizzjoni li ġejja:

Latitudni (T)	*Lonġitudni (L)*
35° 53'.960	014° 31'.378

imsemmi f'Avviż lill-Baħħara Nru. 5 tal-2024, reġa' nxtegħel u qed jaħdem kif suppost.

Avviż lill-Baħħara Nru. 5 tal-2024 huwa b'dan IKKANĊELLAT.

It-8 ta' Marzu, 2024

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 7 of 2024

Cancellation of Notice to Mariners No. 5 of 2024 regarding Ricasoli Breakwater Head, Entrance to Valletta Harbour – UNLIT

Reference is made to BA Chart 177 – Valletta Harbours

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that the Ricasoli Breakwater Head at the entrance of the Grand Harbour, flashing quick red (Q.R.), in the following position:

Latitude (N)	*Longitude (E)*
35° 53'.960	014° 31'.378

mentioned in Notice to Mariners No. 5 of 2024, has been re-lit and is functioning properly.

Notice to Mariners No. 5 of 2024 is hereby CANCELLED.

8th March, 2024

TRANSPORT MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 8 tal-2024

Korrezzjoni taċ-Chart – Dawl ta' Navigazzjoni Ġdid fuq il-breakwaters ta' ġewwa fil-Bajja ta' Marsaskala

B'referenza għal BA Chart 36 – Marsaxlokk and Approaches, 2538 – Malta.

Id-Direttorat tal-Portijiet u l-Yachting, Transport Malta, jgħarraf lill-baħħara li ġie stabbilit dawl ta' navigazzjoni ġdid fuq il-breakwater ta' ġewwa fil-Bajja ta' Marsaskala.

Id-dawl tan-navigazzjoni huwa fiss fuq arblu aħdar tal-azzar fit-tarf tal-breakwater fil-pożizzjoni approssimattiva li ġejja.

Latitudni (T) *Latitude (N)*	*Lonġitudni (L)* *Longitude (E)*
Daħħal Fl.G.3s5m2M *Insert Fl.G.3s5m2M*	
35° 51'.895 *35° 51'.895*	014° 33'.917 *014° 33'.917*

Charts affettwati: BA 2538, 36

Pożizzjonijiet b'referenza għal WGS 84 DATUM

It-8 ta' Marzu, 2024

TRANSPORT MALTA

Notice to Mariners No. 8 of 2024

Chart Correction – New Navigational Light on the inner breakwaters in Il-Bajja ta' Marsaskala

Reference is made to BA Chart 36 – Marsaxlokk and Approaches 2538 – Malta.

The Ports and Yachting Directorate, Transport Malta, notifies mariners that a new navigational light on the inner breakwater in Il-Bajja ta' Marsaskala, has been established.

The navigational light is fixed on a green steel pole at the end of the breakwater in the following approximate position.

Latitudni (T) *Latitude (N)*	*Lonġitudni (L)* *Longitude (E)*
35° 51'.895 *35° 51'.895*	014° 33'.917 *014° 33'.917*

Charts affected: BA 2538, 36

Positions referred to WGS 84 DATUM

8th March, 2024

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Post ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur (Finanzi u Amministrazzjoni), Uffiċċju tal-Prim Ministru, tilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) fid-Direttorat tal-Finanzi u Amministrazzjoni, fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' sitt (6) xhur.

2.2 Waqt il-perjodu ta' probation/prova, dawk appuntati jridu jkunu temmew b'suċċess kors ta' induzzjoni offrut mill-Istitut għas-Servizzi Pubbliċi sabiex ikunu eliġibbli għall-konferma tal-ħatra.

2.3 Is-salarju ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) li jidħol fil-grad bir-rekwiżiti tal-eliġibbiltà ta' paragrafu 4.1 (iii) (a) jew (iii) (c) huwa ta' Skala ta' Salarju 12, li fis-sena 2024 huwa ta' €21,236.00 fis-sena, li jiżdied bi €354.00 fis-sena sa massimu ta' €23,360.00.

2.4 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 12 titla' għal Skala 11 (€22,642.98 x €375.17 - €24,894.00 fis-sena 2024) mal-kisba ta' Diploma fil-Livell 5 tal-MQF kif imsemmija fil-paragrafu 4.1(iii) (b).

2.5 Persuna fil-grad ta' Assistant Manager li tissodisfa l-klawsola 4.1 (iii) (b) titpoġġa fi Skala ta' Salarju 11, u titla' fi Skala 10 (€24,085.98 x €407.67 - €26,532.00 fis sena 2024) wara tliet (3) snin servizz bħala Assistant Manager fi Skala ta' Salarju 11, jekk tkun qdiet dmirha b'mod sodisfaċenti.

2.6 Mhux se jkun possibbli li jintalab trasferiment qabel perjodu ta' sentejn (2) mill-ħatra. Hekk kif jiskadi l-imsemmi perjodu ta' sentejn (2), dawk appuntati jistgħu jiġu biss trasferiti fuq talba tagħhom sabiex jaqdu dmirijiet xi mkien ieħor fil-qasam tal-Accounting and Finance, skont il-postijiet vakanti stabbiliti.

2.7 Ir-riżultat ikun validu għal sentejn (2) mid-data tal-pubblikazzjoni.

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Post of Assistant Manager (Accounting and Finance) in the Office of the Prime Minister

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director (Finance and Administration), Office of the Prime Minister, invites applications for the post of Assistant Manager (Accounting and Finance) in the Finance and Administration Directorate within the Office of the Prime Minister.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of six (6) months.

2.2 During the probationary/trial period, appointees must successfully complete appropriate induction programmes organised by the Institute for the Public Services to be eligible for confirmation of appointment.

2.3 The salary for the post of Assistant Manager (Accounting and Finance) for those applicants entering into the grade under the eligibility provisions of paragraph 4.1 (iii) (a) or (iii) (c) is Salary Scale 12, which in the year 2024 is equivalent to €21,236.00 per annum, rising by annual increments of €354.00 up to a maximum of €23,360.00.

2.4 An Assistant Manager in Salary Scale 12 will progress to Scale 11, which in the year 2024 is equivalent to €22,642.98 per annum, rising by annual increments of €375.17 up to a maximum of €24,894.00, on attainment of the MQF Level 5 Diploma referred to in paragraph 4.1 (iii) (b).

2.5 An Assistant Manager who satisfies the eligibility provision of paragraph 4.1 (iii) (b) will be placed in Salary Scale 11, and will progress to Scale 10 (€24,085.98 x €407.67 - €26,532.00 in the year 2024) on completion of three (3) years service as Assistant Manager in Salary Scale 11, subject to satisfactory performance.

2.6 It will not be possible to request a transfer before a two (2) year period from date of appointment. On the lapse of a two (2) year period, appointees may only be transferred at their own request to carry out duties elsewhere in Accounting and Finance, in accordance with established vacancies.

2.7 The result will be valid for a period of two (2) years from the date of publication.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Assistant Manager (Accounting and Finance) jinkludu li:

i. Iwettaq dmirijiet relatati ma' tranżazzjonijiet ta' flus kontanti u ċekkijiet, u l-ipproċessar f'waqtu ta' tranżazzjonijiet, verifiki, rekordjar, aġġustamenti, rendikont u rikonċiljazzjoni;

ii. Jassigura li l-approvazzjonijiet ikunu disponibbli qabel l-ipproċessar ta' tranżazzjonijiet, u li l-ammont imħallas ikun korrett u skont il-proċedura;

iii. Jieħu ħsieb b'mod bażiku ż-żamma tal-kotba u jassisti fit-tħejjija taż-żamma ta' kontijiet bħalma huma bilanċi tar-reġistru u sottomissjonijiet oħra rilevanti.

iv. Jassisti fil-kumpilazzjoni ta' pubblikazzjonijiet u rapporti;

v. Jassisti fl-ippjanar u l-kontroll ta' baġit taħt superviżjoni, filwaqt li jressaq materji rilevanti għall-attenzjoni tal-uffiċjal li jkun qed jagħmel is-superviżjoni kif ikun neċessarju. Dan jinkludi r-reviżjonijiet tal-baġits proposti u l-verifika tal-line items u l-infiq kollu biex tiġi żgurata l-eżattezza;

vi. Jivvaluta, taħt superviżjoni, virements fi ħdan il-voti kif ukoll talbiet għal fondi addizzjonali u l-estimi riveduti;

vii. Jikkontribwixxi għall-iżvilupp ta' implimentazzjoni ta' proġetti inklużi proċessi ddelegati, u għall-identifikazzjoni ta' titjib tal-proċess għal raġuni ta' simplifikazzjoni, innovazzjoni u valur miżjud;

viii. Iżomm ruħu aġġornat ma' standards ta' accounting, leġiżlazzjoni finanzjarja u politiki tal-Gvern;

ix. Iżomm ruħu aġġornat ma' sistemi bażiċi ta' accounting, proċeduri u applikazzjonijiet, u jsegwi taħriġ kif jintalab jagħmel;

x. Jikkordina u jipparteċipa f'laqgħat, iżomm il-minuti tal-laqgħat u jara li l-azzjoni meħtieġa titwettaq;

xi. Jassisti f'ħidmiet ta' kuljum, li jinkludu l-immaniġġjar u d-distribuzzjoni ta' korrispondenza u talbiet għall-informazzjoni, iżomm ir-rekords, kif ukoll l-inputtjar u l-aġġornament ta' informazzjoni bbażata fuq sistemi tal-kompjuter u databases;

xii. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/ha, kif jista' jkun meħtieġ;

xiii. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

Duties

3. The job duties for the post of Assistant Manager (Accounting and Finance) include:

i. Carries out duties related to cash and cheque transactions, including the timely processing of transactions, verifications, recording, adjustments, tracking and reconciliation;

ii. Ensures that approvals are available before processing transactions, that amounts paid are correct and that procedure is followed;

iii. Deals with basic bookkeeping and assists in the preparation of accounts, such as ledger balances and other relevant submissions;

iv. Assists in the compilation of publications and reports;

v. Assists in budget planning and control under supervision, while bringing relevant matters to the attention of the supervising officer as necessary. This includes reviewing proposed budgets and verifying all line items and expenditures to ensure accuracy;

vi. Assesses under supervision, virements within the votes as well as requests for additional funding and the revised estimates;

vii. Contributes to the development of project implementation including delegated processes, and to the identification of process improvements for simplification, innovation and added value;

viii. Keeps abreast with accounting standards, financial legislation and Government policies;

ix. Keeps abreast with basic accounting systems, procedures and applications, and follows training as directed;

x. Coordinates and participates in meetings, takes minutes and follows up on required actions;

xi. Assists in day-to-day operations, including the management and distribution of correspondence and queries, record keeping, as well as inputting and updating of computer-based information and databases;

xii. Undertake any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xiii. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

U

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted a residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007'; or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

AND

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Ingliża.

U

iii. a. (i) fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF (suġġett għal minimu ta' 120 krettu ECTS/ECVET, jew ekwivalenti*) f'Business Management jew Business Administration jew Economics jew Banking and Finance jew Accountancy jew Diploma professjonali rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 4 tal-MQF f'Accountancy.

JEW

b. fil-pussess ta' Diploma rikonoxxuta fil-Livell 5 tal-MQF (suġġetta għal minimu ta' 60 krettu ECTS/ECVET jew ekwivalenti*) f'Business Management jew Business Administration jew Economics jew Banking and Finance jew Accountancy jew Diploma professjonali rikonoxxuta komparabbli fil-Livell 5 tal-MQF f'Accountancy.

*Kwalifika rikonoxxuta komparabbli ma' 120/60 krettu ECTS/ECVET, hekk kif applikabli, hija aċċettata biss suġġett għal dikjarazzjoni formali ta' rikonoxximent mill-MQRIC li tiġi sottomessa mal-applikazzjoni.

JEW

c. (i) fil-pussess ta' żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat (li wieħed minnhom għandu jinkludi pass fl-Accountancy) u tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola (li wieħed minnhom għandu jinkludi pass fil-Pure Mathematics), jew kwalifika komparabbli pertinenti rikonoxxuta.

JEW

(ii) fil-pussess ta' tliet suġġetti fil-Livell Avvanzat (li wieħed minnhom jinkludi pass fl-Accountancy).

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

Kandidati magħżula li huma fil-pussess ta' kwalifika rikonoxxuta fil-Livell 4 tal-MQF kwalifika jew żewġ (2) suġġetti fil-Livell Avvanzat flimkien ma' tliet (3) suġġetti fil-Livell Intermedju tal-Matrikola, fil-pussess ta' tliet (3) suġġetti fil-Livell Avvanzat, jew kwalifika rikonoxxuta komparabbli, kif indikat fil-4.1 (iii) (a) u (c), jidħlu bħala Assistant Manager (Skala ta' Salarju 12). Mal-akkwist ta' Diploma rilevanti fil-Livell 5 tal-MQF f'oqsma relatati, dawn l-uffiċjali jipprogressaw għal Assistant Manager

ii. able to communicate in English language.

AND

iii. a. (i) in possession of a recognised qualification at MQF Level 4 (subject to a minimum of 120 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business Management or Business Administration or Economics or Banking and Finance or Accountancy or a recognised comparable professional Diploma at MQF Level 4 in Accountancy.

OR

b. in possession of a recognised Diploma at MQF Level 5 (subject to a minimum of 60 ECTS/ECVET credits, or equivalent*) in Business Management or Business Administration or Economics or Banking and Finance or Accountancy or a recognised comparable professional Diploma at MQF Level 5 in Accountancy.

*A recognised qualification comparable to 120/60 ECTS/ECVET credits, as applicable, is only accepted subject to MQRIC formal recognition statement being submitted with the application.

OR

c. (i) in possession of two (2) subjects at Advanced Level (one of which must include a pass in Accountancy) and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level (one of which must include a pass in Pure Mathematics), or a recognised comparable qualification.

OR

b. in possession of three (3) subjects at Advanced Level (one of which must include a pass in Accountancy)

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

Successful candidates who are in possession of a recognised MQF Level 4 qualification or two (2) subjects at Advanced Level and three (3) subjects at Intermediate Matriculation Level, or in possession of three (3) subjects at Advanced Level, or a recognised comparable qualification as indicated in 4.1 (iii) (a) and (c), shall enter as Assistant Manager (Salary Scale 12). Upon possession of a relevant Diploma at MQF Level 5 in related areas such officers shall progress to Assistant Manager (Salary Scale 11). All other

(Skala ta' Salarju 11). Il-progressjonijiet l-oħra kollha għandhom ikunu skont id-dispożizzjonijiet indikati fid-dokument li jismu 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Barra minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment l-ebda waħda mill-kwalifiki msemmija hawn fuq xorta jiġu kkunsidrati. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li ġew approvati għall-għoti tal-kwalifika inkwistjoni.

(ii) Aktar minn hekk, kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.3 Kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifika rikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 (iii) (a) sa 4.1 (iii) (c) jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_45_06_General%20Provisions_MT.pdf), xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

4.4 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali jew awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

4.5 L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id-dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

progressions shall be in accordance with the provisions stipulated in the document entitled 'Working Conditions for Officers within the Managerial Stream for Qualified Personnel'.

4.2 (i) Moreover, candidates who have not yet formally obtained any of the abovementioned qualifications will still be considered. Such candidates are to submit evidence that they have been approved for the award of the qualification in question.

(ii) Candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications.

4.3 Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraphs 4.1 (iii) (a) to 4.1 (iii) (c) or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

4.4 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competent authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

4.5 Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable, as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adattat għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija 100% u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija 50%.

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 s a 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Diviżjoni tal-People Management Division, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171, permezz tal-Portal ta'Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottomettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabbiltà;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is 100% and the pass mark is 50%.

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.4, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 25th March, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;

kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;
rinunzji ta' applikazzjonijiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat;
eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_45_06_General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Diviżjoni tal-People Management, Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanità Attiva, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Il-Belt Valletta VLT 1171. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Diviżjoni huma (http://health.gov.mt) u (recruitment.health@gov.mt).

It-8 ta' Marzu, 2024

MINISTERU GĦALL-AMBJENT, L-ENERĠIJA U R-RIĠENERAZZJONI TAL-PORT IL-KBIR

Post ta' Senior Legal Officer fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir

Nomenklaturi li jindikaw il-maskil jinkludu wkoll il-femminil.

1. Id-Direttur Ġenerali għall-Operat f'isem is-Segretarju Permanenti, Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir jilqa' applikazzjonijiet għall-post ta' Senior Legal Officer fil-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir.

Termini u Kundizzjonijiet

2.1 Din il-ħatra hija suġġetta għal perjodu ta' prova ta' tnax-il (12) xahar.

2.2 Is-salarju ta' Senior Legal Officer huwa ta' Skala ta' Salarju 6, li fis-sena 2024 huwa ta' €30,626.02 fis-sena, li jiżdied b'596.33 fis-sena sa massimu ta' €34,204.

Dmirijiet

3. Id-dmirijiet għal dan il-post ta' Senior Legal Officer jinkludu li:

qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;
renouncement of pending applications;
publication of the result;
medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf)or may be obtained from the People Management Division, Ministry for Health and Active Ageing, 15, Palazzo Castellania, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Division are (http://health.gov.mt) and (recruitment.health@gov.mt).

8th March, 2024

MINISTRY FOR THE ENVIRONMENT, ENERGY AND REGENERATION OF THE GRAND HARBOUR

Post of Senior Legal Officer in the Ministry for the Environment, Energy and Regeneration of the Grand Harbour

Nomenclatures denoting the male gender include also the female gender.

1. The Director General (Operations), on behalf of the Permanent Secretary, Ministry for the Environment, Energy and Regeneration of the Grand Harbour invites applications for the post of Senior Legal Officer in the Ministry for the Environment, Energy and Regeneration of the Grand Harbour.

Terms and Conditions

2.1 This appointment is subject to a probationary period of twelve (12) months.

2.2 The salary for the post of Senior Legal Officer is Salary Scale 6, which in the year 2024 is equivalent to, €30,626.02 per annum, rising by annual increments of €596.33 up to a maximum of €34,204.

Duties

3. The job duties for the post of Senior Legal Officer include:

i. Jipprovdi pariri legali awtoritattivi fuq proġetti partikolari, programmi u inizjattivi, li jinkludu l-abbozzar ta' liġijiet u/jew kuntratti, l-aġġornar tal-leġiżlazzjoni u r-reviżjoni ta' kwistjonijiet ta' politika li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru;

ii. Jipprovdi pariri tekniċi legali lill-maniġment u lid-dipartimenti, id-direttorati u t-taqsimiet li jaqgħu taħt il-Ministeru fuq proċeduri legali ta' kwalunkwe natura;

iii. Jevalwa l-impatt legali ta' funzjonijiet li jaqgħu taħt ir-responsabbilità tal-Ministeru u jissuġġerixxi emendi sabiex jitħaffu l-proċeduri;

iv. Ifassal leġiżlazzjoni, regolamenti, regoli u proċeduri;

v. Jabozza u jivverifika kuntratti skont il-ħtieġa;

vi. Jagħti pariri lid-direttur/i u/jew lill-kap/ijiet u l-istaff maniġerjali dwar l-implikazzjonijiet potenzjali ta' liġijiet ġodda, regolamenti, proċeduri u kuntratti jew tibdil f'dawk eżistenti;

vii. Jittratta korrispondenza u materji li jinvolvu aspetti tal-liġi;

viii. Iżomm rekords xierqa dwar xogħol u każijiet legali;

ix. Ikun responsabbli minn xogħol ta' riċerka, iwettaq analiżi, iħejji rapporti u jagħmel preżentazzjonijiet kemm orali kif ukoll bil-miktub skont kif ikun meħtieġ waqt ix-xogħol tiegħu;

x. Jassisti għall-Proċeduri tal-Qorti u Arbitraġġ inkluż l-abbozzar ta' atti ġudizzjari u legali relattivi;

xi. Jassenja u jissorvelja kwalunkwe xogħol legali ieħor fil-Ministeru;

xii. Ikun responsabbli mit-traspożizzjoni ta' direttivi tal-Unjoni Ewropea fil-leġiżlazzjoni Maltija, isegwi l-proċess kollu sal-pubblikazzjoni tal-leġiżlazzjoni u jassisti każijiet ta' infringements li jikkonċernaw il-Ministeru;

xiii. Iwettaq dmirijiet ta' konuslenza legali lill-Ministeru kif meħtieġ;

xiv. Iwettaq dmirijiet oħra li jistgħu jiġu aġġornati biex jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' kwalunkwe qasam ieħor kif ikkonfermat mis-Segretarju Permanenti;

xv. Kwalunkwe kompitu ieħor li s-superjur jista' jiddelega lilu/lilha, kif jista' jkun meħtieġ;

xvi. Kwalunkwe dmir ieħor hekk kif ordnat mis-Segretarju Permanenti Ewlieni.

i. Provides authoritative legal advice on particular projects, programmes and initiatives, including drafting of laws and/or contracts, updating of legislation and reviewing policy issues falling within the remit of the Ministry;

ii. Provides technical legal advice to management and to the departments, directorates and units within the Ministry on all matters related to legal procedures of whatever nature;

iii. Assesses the legal impact of functions which fall within the remit of the Ministry and suggests amendments thereto which would facilitate speedier handling of procedures;

iv. Drafts legislation, regulations, rules, and procedures;

v. Drafts and vets contracts as required;

vi. Advises the director/s and/or head/s and other senior management on the potential implications of new laws, regulations, procedures and contracts or changes to those existing;

vii. Deals with correspondence and matters in which points of law are involved;

viii. Maintains appropriate records relating to legal work and cases;

ix. Conducts research work, performs analyses, draws up reports and makes oral and written representations as may be required in his field of work;

x. Assists in Court and Arbitration Procedures including the drafting of relative judicial and legal acts;

xi. Assigns and oversees any other legal work within the Ministry;

xii. Transposes EU directives in Maltese legislation, follows the whole process until the publication of the legislation and deals with cases of infringements concerning the Ministry;

xiii. Performs the duties of legal consultant to the Ministry as necessary;

xiv. Undertakes any other duties which may be updated to meet the requirements of any other area as confirmed by the Permanent Secretary;

xv. Undertakes any other tasks, which the superior may delegate to him/her, as may be required;

xvi. Any other duties as directed by the Principal Permanent Secretary.

Rekwiżiti tal-Eliġibbiltà

4.1 Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom ikunu:

i. a. ċittadini ta' Malta; jew

b. ċittadini ta' Stati Membri oħra tal-Unjoni Ewropea li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadin Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg bis-saħħa ta' leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

c. ċittadini ta' kwalunkwe pajjiż ieħor li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg minħabba li jkunu japplikaw għal dak il-pajjiż leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati dwar iċ-ċaqliq ħieles tal-ħaddiema; jew

d. kwalunkwe persuni oħra li għandhom jedd għal trattament ugwali daqs ċittadini Maltin fi kwistjonijiet ta' impjieg permezz tar-relazzjoni familjari tagħhom ma' persuni msemmija f'(a), (b) jew (c), skont kif hemm fil-liġi jew fil-leġiżlazzjoni tal-UE u dispożizzjonijiet ta' trattati msemmija hawn fuq; jew

e. ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw status ta' residenti li joqogħdu għal żmien twil f'Malta taħt ir-regolament 4 tar-Regolamenti tal-2006 dwar 'Status ta' Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadin ta' Pajjiżi Terzi)', jew li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-regolament 18(3) tal-istess regolamenti, flimkien mal-membri tal-familja ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu ngħataw permess ta' residenza taħt ir-Regolamenti tal-2007 dwar ir-Riunifikazzjoni tal-Familji; jew

f. Fil-pussess ta' dokument tar-residenza maħruġ skont id-dokument 'Status ta' Residenza ta' Ċittadini tar-Renju Unit u l-Membri tal-Familja tagħhom f'Malta skont il-Ftehim dwar l-Irtirar tar-Renju Unit u l-Irland ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u r-Regolamenti tal-Komunità Ewropea dwar l-Enerġija Atomika'.

Għandu jintalab il-parir tat-Taqsima taċ-Ċittadinanza fi ħdan l-Aġenzija Komunità Malta u tat-Taqsima tal-Espatrijati fi ħdan Identità skont il-ħtieġa fl-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet imsemmija hawn fuq.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (c), (d) u (e) hawn fuq teħtieġ il-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja. Jobsplus għandha tiġi kkonsultata skont il-ħtieġa dwar din il-materja.

ii. kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u bil-lingwa Ingliża;

Eligibility Requirements

4.1 By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

i. a. citizens of Malta; or

b. citizens of other Member States of the European Union who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters of employment by virtue of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

c. citizens of any other country who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment by virtue of the application to that country of EU legislation and treaty provisions dealing with the free movement of workers; or

d. any other persons who are entitled to equal treatment to Maltese citizens in matters related to employment in terms of the law or the abovementioned EU legislation and treaty provisions, on account of their family relationship with persons mentioned in paragraph (a), (b) or (c); or

e. third country nationals who have been granted long-term resident status in Malta under regulation 4 of the 'Status of Long-Term Residents (Third Country Nationals) Regulations, 2006' or who have been granted residence permit under regulation 18(3) thereof, together with family members of such third country nationals who have been granted a residence permit under the 'Family Reunification Regulations, 2007' or

f. in possession of a residence document issued in terms of the 'Residence Status of United Kingdom Nationals and their Family Members in Malta in accordance with the Agreement on the Withdrawal of the United Kingdom and Northern Ireland from the European Union and the European Atomic Energy Community Regulations'.

The advice of the Citizenship Unit within Community Malta Agency and the Expatriates Unit within Identità should be sought as necessary in the interpretation of the above provisions.

The appointment of candidates referred to at (b), (c), (d) and (e) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation. Jobsplus should be consulted as necessary on this issue.

ii. able to communicate in the Maltese and English languages;

U

iii. ikollhom warrant biex jippratikaw bħala avukat f'Malta;

U

iv. ikollhom ħames (5) snin esperjenza bħala avukat wara li kien miksub il-warrant;

Uffiċjali pubbliċi li japplikaw għal dan il-post iridu jkunu kkonfermati fil-ħatra attwali tagħhom, sakemm il-ħatra attwali ma tkunx fi klassi/linja ta' karriera differenti jew f'pożizzjoni definita, iżda jistgħu japplikaw għal grad/pożizzjoni inqas anke jekk mhux ikkonfermati u irrispettivament jekk hux fl-istess linja ta' karriera jew le. Riverżjoni għal ħatra preċedenti mhux ikkonfermata mhijiex possibbli.

4.2 (i) Aktar minn hekk, kandidati li għadhom ma kisbux formalment jew għadhom mhux approvati għall-kwalifikarikjesta hekk kif speċifikata fil-paragrafu 4.1 jew kif indikat f'paragrafu 3.1 tad-dispożizzjonijiet ġenerali (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_45_06_General%20Provisions_MT.pdf) xorta jiġu kkunsidrati, basta jibagħtu evidenza li jinsabu fl-aħħar fażi tal-kors li jwassal għall-għoti tat-tali kwalifika. Il-persuni maħtura jridu jġibu, jew ġew approvati, għat-tali kwalifika sal-31 ta' Ottubru, 2024. Jekk l-iskadenza għall-kisba tal-imsemmija kwalifika ma tintlaħaqx, il-ħatra, għal din ir-raġuni, tiġi awtomatikament terminata.

(ii) Kandidati li bħalissa qed isegwu programm ta' studju rikonoxxut f'livell tal-MQF ogħla minn dak mitlub hawn fuq jiġu kkunsidrati wkoll. Dawn il-kandidati għandhom jissottomettu evidenza li temmew b'suċċess il-kretti meħtieġa tal-ECTS/ECVET, jew ekwivalenti, u laħqu l-livell tal-MQF meħtieġ, sal-ħin u d-data tal-għeluq tas-sejħa għal applikazzjonijiet. L-applikanti prospettivi għandhom jinnutaw ir-rekwiżit li jipproduċu dikjarazzjonijiet ta' rikonoxximent tal-MQRIC fir-rigward tal-kwalifiki tagħhom mill-MQRIC, jew awtorità pertinenti oħra, kif applikabbli, skont id dispożizzjonijiet applikabbli għal din is-sejħa għall-applikazzjonijiet (ara l-ħolqa aktar 'l isfel).

4.3. Uffiċjali pubbliċi li għandhom grad fi klassi partikolari, u li ngħataw il-ħatra ta' Officer in Scale permezz ta deċiżjoni tal-Grievances Unit fl-istess skala ta' dak ta' grad ogħla fl-istess klassi, huma eliġibbli li japplikaw għal gradi miftuħa għal uffiċjali li għandhom tali grad ogħla bl-istess skala ta' dik tal-ħatra ta' Officer in Scale.

Is-snin ta' servizz mid-data ta' meta daħlet fis-seħħ il-ħatra bħala Officer in Scale jgħoddu bħala parti mis-snin ta' servizz mitluba fis-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Kwalunkwe kriterju ieħor ta' eliġibbiltà għall-post irid jiġi sodisfatt skont din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

AND

iii. have a warrant to practice as an advocate in Malta;

AND

iv. must have five (5) years experience as an Advocate after obtaining the warrant;

Public officers applying for this post must be confirmed in their current appointment, unless the current appointment is in a different class/career stream or in a definite position, but may apply for a lower grade/position even if not confirmed and whether in the same stream or not. Reversion to previous unconfirmed appointment is not possible.

4.2 (i) Candidates who have not yet formally obtained or are not yet approved for the qualification specified in paragraph 4.1 or else as indicated in paragraph 3.1 of the general provisions (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf) will still be considered provided that they submit evidence that they are in the final phase of their course leading to such qualification. Appointees must obtain, or be approved, for the award of such qualification by the 31st October, 2024. If this stipulated deadline for the attainment of such qualification is not met, the appointment will be, for this reason, automatically terminated.

(ii) Furthermore, candidates who are currently following a recognised programme of study at a higher MQF level than that requested above will also be considered. Such candidates are to submit evidence that they have successfully completed the necessary ECTS/ECVET credits, or equivalent, and attained the required MQF level, by the closing time and date of the call for applications. Prospective applicants should note the requirement to produce MQRIC recognition statements in respect of their qualifications from MQRIC, or other designated authorities, as applicable as per provisions applicable to this call for applications (see link below).

4.3 Public officers holding a grade in a particular stream, and who were granted Officer in Scale status by virtue o a Grievances Unit decision in the same scale as that of a higher grade in that stream, are eligible to apply for grades open to officers holding such higher grade within the stream that carries the same scale as that of the Officer in Scale status.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Scale are reckonable for the purpose o satisfying any requisite years of service stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post must be met in terms of this call for applications.

4.4 Uffiċjali pubbliċi li bħalissa għandhom ħatra bħala Uffiċjal fil-Grad huma kkunsidrati fuq bażi personali l jappartjenu għall-klassi/linja tal-grad sostantiv immedjatament preċedenti tagħhom, u jistgħu japplikaw fuq il-bażi tal-iskala kurrenti tagħhom bħala Uffiċjal fil-Grad, li għandha tkun ekwivalenti għal, jew ogħla minn, dak li hu meħtieġ minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-snin ta' servizz mid-data effettiva tal-ħatra bħala uffiċjal fil-Grad huma kkalkulati għall-iskop li jissodisfaw is-snin meħtieġa ta' 'servizz fil-grad' kif stipulat fis-sejħiet għall-applikazzjonijiet.

Kwalunke rekwiżit ieħor ta' eliġibbiltà għall-post/pożizzjoni għandu jintlaħaq f'termini ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

4.5 L-applikanti għandhom ikunu ta' kondotta xierqa għall-post li għalih saret l-applikazzjoni. Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta maħruġ mill-Uffiċċju tar-Rekords Kriminali je awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni u jiddikjaraw jekk qatt kinux fis-Servizz tal-Gvern, u jagħtu d-dettalji.

Sottomissjoni ta' Dokumentazzjoni

5.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati/traskrizzjonijiet u/jew dokumenti, li kopja tagħhom għandha tkun skennjata u mibgħuta permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ (https://recruitment.gov.mt).

5.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

Proċeduri tal-Għażla

6.1 L-applikanti eliġibbli jiġu assessjati minn bord tal-għażla biex jiġi ddeterminat min hu adatt għall-post. Il-marka massima għal dan il-proċess tal-għażla hija mija fil-mija (100%) u l-marka li persuna trid iġġib biex tgħaddi hija ħamsin fil-mija (50%).

6.2 Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-kandidati li, minbarra dak rikjest f'paragrafi 4.1 sa 4.5, għandhom esperjenza ta' xogħol rilevanti u ppruvata.

Sottomissjoni tal-Applikazzjoni

7.1 L-Applikazzjonijiet għandhom jiġu sottomessi, għall-attenzjoni tad-Direttur Ġenerali għall-Operat, Ministeru għall-Ambjent l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, permezz tal-Portal ta' Reklutaġġ tal-Gvern online **biss** (https://recruitment.gov.mt). L-applikazzjonijiet għandhom jinkludu Curriculum Vitae (li għandu jinkludi lista tal-kwalifiki tal-

4.4 Public officers who currently hold an appointment as Officer in Grade are considered on a personal basis to pertain to the class/stream of their immediately previous substantive grade, and may apply on the basis of their current scale as Officer in Grade, which must be equivalent to, or higher than, what is required by this call for applications.

The years of service since the effective date of appointment as Officer in Grade are reckonable for the purpose of satisfying any requisite years of 'service in the grade' as stipulated in calls for applications.

Any other eligibility requisites for the post/position must be met in terms of this call for applications

4.5 Applicants must be of conduct which is appropriate to the post applied for. Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct issued by the Criminal Records Office or other competen authority not earlier than one (1) month from the date of application and state whether they have ever been in Government Service, giving details.

Submission of Supporting Documents

5.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates/transcripts and/or testimonials, copies of which are to be scanned and sent through the Recruitment Portal (https://recruitment.gov.mt).

5.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

Selection Procedures

6.1 Eligible applicants will be assessed by a selection board to determine their suitability for the post. The maximum mark for this selection process is one hundred per cent (100%) and the pass mark is fifty per cent (50%).

6.2 Due consideration will be given to applicants who, besides the requisites indicated in paragraphs 4.1 to 4.5, have proven relevant work experience.

Submission of Applications

7.1 Applications are to be submitted, for the attention of the Director General (Operations), Ministry for the Environment, Energy and Regeneration of the Grand Harbour, through the online Government Recruitment Portal **only** (https://recruitment.gov.mt). Applications are to include a Curriculum Vitae (which should include a

applikant). Dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jipproduċu ċertifikat tal-kondotta li tali dokument irid ikun maħruġ mhux aktar minn xahar (1) qabel id-data tal-applikazzjoni, f'format PDF, li għandhom jintbagħtu permezz tal-portal. Id-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet hija l-5.15 p.m. (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar it-Tnejn, 25 ta' Marzu, 2024. Ittra elettronika ġġenerata mill-kompjuter tintbagħat bħala rċevuta tal-applikazzjoni. Aktar dettalji dwar is-sottomissjoni tal-applikazzjonijiet jinsabu fid-dispożizzjonijiet ġenerali msemmija hawn isfel.

7.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li ma jħallux sal-aħħar mument biex jissottemettu l-applikazzjoni tagħhom.

7.3 Applikazzjonijiet li jaslu wara d-data u l-ħin tal-għeluq (i.e. applikazzjonijiet tard) ma jiġux aċċettati.

7.4 Applikanti jingħataw sa jumejn (2) xogħol wara d-data tal-għeluq jew sa jumejn (2) xogħol mid-data tan-notifika, liema tiġi l-aħħar, biex jissottomettu dokumenti mhux korretti jew mhux mimlija kif suppost jew nieqsa.

Dispożizzjonijiet Ġenerali Oħra

8. Dispożizzjonijiet ġenerali oħra dwar din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, b'referenza partikolari għal:

benefiċċji applikabbli, kundizzjonijiet u regoli/regolamenti;
applikazzjonijiet laterali;
bdil raġonevoli għall-persuni rreġistrati b'diżabilità;

sottomissjoni ta' dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-kwalifiki;
kwalifiki f'livell ogħla;
livell komparattiv tal-impjegati tas-Settur Pubbliku;

rinunzji ta' applikazzjonjiet pendenti;
pubblikazzjoni tar-riżultat; eżami mediku;
proċess sabiex tiġi sottomessa petizzjoni dwar ir-riżultat;

aċċess għall-formola tal-applikazzjoni u dettalji relatati;
żamma ta' dokumenti,

jistgħu jiġu aċċessati minn (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_45_06_General%20Provisions_MT.pdf) jew jinkisbu mid-Direttorat għas-Servizzi Korporattivi (Attn: Assistent Direttur, Riżorsi Umani), Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u r-Riġenerazzjoni tal-Port il-Kbir, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1302. Dawn id-dispożizzjonijiet ġenerali għandhom jiġu meqjusa bħala parti integrali minn din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

Is-sit elettroniku u l-indirizz elettroniku tad-Dipartiment/Diviżjoni/Direttorat huma (sustainability.gov.mt) u (humanresources.meer@gov.mt).

It-8 ta' Marzu, 2024

list of qualifications held by applicant). Those applying from outside the Public Service must produce a certificate of conduct which has been issued not earlier than one (1) month from the date of application, in PDF format, which are to be uploaded through the portal. The closing date of the receipt of applications is 5.15 p.m. (Central European Time) of Monday, 25th March, 2024. A computer-generated email will be sent as an acknowledgement of the application. Further details concerning the submission of applications are contained in the general provisions referred to below.

7.2 It is the responsibility of the applicants not to leave until the last moment for submission of their application.

7.3 Applications which are received after closing date and time (i.e. late applications) are not allowed.

7.4 Applicants are granted up to two (2) working days after closing date or up to two (2) working days from date of notification, whichever is the latest, to submit any incorrect or incomplete or missing documents.

Other General Provisions

8. Other general provisions concerning this call for applications, with particular reference to:

applicable benefits, conditions and rules/regulations;
lateral applications;
reasonable accommodation for registered persons with disability;
submission of recognition statements in respect of qualifications;
qualifications at a higher level;
comparative level of Public Sector employees;

renouncement of pending applications;
publication of the result; medical examination;
the process for the submission of petitions concerning the result;
access to application forms and related details;
retention of documents,

may be accessed from (https://recruitmentadmin.gov.mt//attachments/2024_02_13_11_44_48_General%20Provisions_ENG.pdf) or may be obtained from the Corporate Services Directorate (Attn: Assistant Director, Human Resources), Ministry for the Environment, Energy and Regeneration of the Grand Harbour, 6, Triq Ħal Qormi, Santa Venera SVR 1302. These general provisions are to be regarded as an integral part of this call for applications.

The website address and email address of the receiving Department/Division/Directorate are (sustainability.gov.mt) and (humanresources.meer@gov.mt)

8th March, 2024

KUNSILL REĠJONALI LVANT

Tribunal Clerk/Kaxxiera – Skala 15 (Full-time)

Jobsplus Permit Number: 253/2024

Il-Kunsill Reġjonali Lvant qed ifittex biex jimpjega Tribunal Clerk (Skala 15) fuq bazi full-time.

Ir-Rekwiżi kif imniżżla fir-Regolamenti għar-Riżorsi Umani:

Ħames suġġetti differenti fil-Livell Ordinarju (minimu ta' 'O' Level passes fi Grad Ċ jew ekwivalenti), li għandhom jinkludu l-Malti, l-Ingliż u l-Matematika.

Responsabbiltajiet:

Tipprovdi assistenza lill-kollegi f'xogħlijiet li jsiru ta' kuljum;

Twettaq xogħlijiet amministrattivi oħra bħal ipprintjar, skennnjar u ssortjar ta' dokumenti;

Tipprovdi servizz ta' customer care billi tirrispondi telefonati u ittri elettroniċi;

Tipprovdi assistenza waqt is-seduti tat-tribunal billi torganizza dokumenti neċessarji, tipporvdi għajnuna lir-Reġistratur u/jew lid-Deputat Reġistratur u taċċerta li s-seduti jsiru bla xkiel;

Tassisti lill-istaff amministrattiv tat-tribunal f'xogħlijiet amministrattivi;

Tipprovdi informazzjoni u assistenza lill-pubbliku, avukati u persuni oħra;

Twieġeb mistoqsijiet relatati mal-proċeduri u informazjoni ġenerali fuq it-tribunal;

Taċċetta pagamenti tal-każijiet tas-seduti li l-persuni li wettqu l-att ikunu jridu jħallsu ġaladarba l-każ jinqata' kontrihom;

Kwalunkwe xogħol ieħor skont il-bżonn u l-kariga li s-Segretarju Eżekuttiv jista' jiddelega skont kif ikun meħtieġ.

Applikanti interessati u eliġibbli għandhom jibagħtu s-CV tagħhom u kopja taċ-ċertifikati bil-posta jew permezz ta' ittra elettronika lil (regjun-lvant.dlg@gov.mt) sa mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, 22 ta' Marzu, 2024.

Applikanti eliġibbli jittalbu jattendu għal intervista. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

It-8 ta' Marzu, 2024

EASTERN REGIONAL COUNCIL

Tribunal Clerk/Cashier – Scale 15 (Full-time)

Jobsplus Permit Number: 253/2024

The Eastern Regional Council is seeking to recruit a Tribunal Clerk (Scale 15) on a full-time basis.

Requirements as listed in the Human Resources Regulations:

Five different subjects at ordinary level (a minimum of 'O' Level passes in Grade C or equivalent), which shall include Maltese, English and Mathematics.

Duties:

Assisting colleagues with day-to-day office work requirements;

Carry out administrative duties include printing, scanning, filing, and sorting paperwork;

Provide customer care service through telephone calls and emails received.

Assist during tribunal hearings by organising documents, providing support to Tribunal Registrar and/or Deputy Registrar, and ensuring the proceedings run smoothly;

Assist other tribunal staff with administrative tasks;

Provide information and assistance to the public, lawyers, and other stakeholders;

Handle inquiries related to case status, procedures, and general tribunal information;

Process any payments that offendors may want to pay after hearing;

Any other task according to the requirement of the work and which the Executive Secretary may delegate him/her as may be necessary.

Interested and eligible applicants should send their CV and a copy of the certificates by post or by email to (regjun-lvant.dlg@gov.mt) by not later than noon of Friday, 22nd of March, 2024.

Eligible applicants will be asked to sit for an interview. Late applications will not be considered.

8th March, 2024

ISTITUT GĦALL-ISTUDJI TAT-TURIŻMU

Sejħa għal Assessuri fl-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS

Ġestjoni u Amministrazzjoni ta' Korsijiet, Valutazzjonijiet u Verifiki Online

B'referenza għall-'Gateway to Better Quality Employment in the Hospitality and Tourism Industry' li tnediet dan l-aħħar, u b'rabta mal-introduzzjoni tas-Skills Pass fost l-impjegati li jidħlu jew li diġà jinsabu fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu, l-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS hija fdata bl-iżvilupp, it-twassil, u l-ġestjoni ta':

a. tliet korsijiet online ġodda u l-valutazzjonijiet tagħhom,
b. test tal-profiċjenza online bl-Ingliż,
c. valutazzjonijiet online relatati mal-għarfien dwar l-okkupazzjoni, u
d. intervisti ta' verifika.

Il-lista ta' korsijiet, valutazzjonijiet, u verifiki tal-intervista ta' hawn fuq se tkompli tiġi aġġornata u tiżdied.

Il-Korsijiet, il-Valutazzjonijiet, u l-Intervisti ta' Verifika

It-tliet korsijiet ġodda online huma:

i. Kura Bażika tal-Klijent,
ii. Ingliż Bażiku għall-Ospitalità, u
iii. Il-Prodott Turistiku Malti.

It-tliet korsijiet online jinkludu valutazzjoni obbligatorja online.

Ir-raba' valutazzjoni hija Test tal-Profiċjenza online bil-lingwa Ingliża filwaqt li l-ħames waħda hija valutazzjoni online relatata mal-impjiegi bbażata fuq l-Istandards Nazzjonali tal-Impjiegi (NOSs) kif approvati u ppubblikati mill-MFHEA.

Intervista ta' verifika bl-Ingliż u oħra li hija bbażata fuq il-ħiliet u relatata max-xogħol jiffurmaw parti minn dan il-programm ta' taħriġ u valutazzjoni li jwassal għall-ħruġ tas-Skills Pass fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu.

Il-valutazzjonijiet u l-verifiki kollha huma obbligatorji.

Rwol tal-Assessuri

Ir-rwol tal-Assessuri huwa dak li jivverifikaw il-ħiliet tal-kandidati f'Familja ta' Impjieg waħda jew aktar indikati hawn taħt u kif approvati u ppubblikati mill-MFHEA:

INSTITUTE OF TOURISM STUDIES

Call for Assessors at ITS Training School

Management and Administration of Online Courses, Assessments and Verification

With reference to the recently launched 'Gateway to Better Quality Employment in the Hospitality and Tourism Industry', and in relation to the introduction of the Skills Pass among employees entering or who are already in the hospitality and tourism industry, ITS Training School is entrusted with the development, delivery and management of:

a. three new online courses and their assessments,
b. an online proficiency test in English,
c. online occupation knowledge-related assessments, and
d. verification interviews.

The above list of courses, assessments and interview verifications will keep updating and increasing.

The Courses, Assessments and Verification Interviews

The three new online courses are:

i. Basic Customer Care,
ii. Basic English for Hospitality, and
iii. The Maltese Tourism Product.

All three online courses include a mandatory online assessment.

The fourth assessment is an online Proficiency Test in the English language whilst the fifth one is an online job-related assessment based on the National Occupation Standards (NOSs) as endorsed and published by the MFHEA.

A verification interview in English and another one which is skills-based and job-related form part of this training and assessment programme leadining to the issuance of the Skills Pass in hospitality and tourism industry.

All assessments and verifications are mandatory.

Role of Assessors

The role of the Assessors is that of verifying the candidates' skills in one or more Job Families indicated below and as endorsed and published by the MFHEA:

Persunal tal-Bar
Persunal tal-Front Office
Persunal tar-Ristoranti
Persunal tas-Servizz tal-Ikel u tax-Xorb
Persunal tat-Tindif Intern
Persunal tal-Kċina

Valutazzjonijiet u Verifiki tal-Intervisti

Inizjalment, se jiġu introdotti dawn is-seba' (7) valutazzjonijiet u verifiki tal-intervisti li jaqgħu fil-lista ta' familji ta' impjieg ta' hawn fuq, filwaqt li għandhom jiġu żviluppati oħrajn meta jiġu żviluppati NOSs ġodda:

1. Commis de Rang
2. Commis Chef
3. Assistent Ġenerali
4. Receptionist
5. Porter tal-Bagalji
6. Bartender
7. Bar Waiter

Dmirijiet u Responsabbiltajiet

1. Segwitu tal-Proċeduri Ġenerali mill-ITS u l-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS:

Konformità mal-linji gwida ġenerali, il-politiki, u l-proċeduri stabbiliti mill-ITS u l-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS fil-proċess tal-valutazzjoni;

Aġġornament kontinwu dwar kwalunkwe tibdil jew aġġornament tal-proċeduri ġenerali pprovduti mill-ITS u l-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS.

2. Segwitu tal-Proċeduri ta' Valutazzjoni u Verifika Stabbiliti mill-ITS u mill-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS:

Implimentazzjoni tal-proċeduri speċifiċi ta' valutazzjoni u verifika deskritti mill-ITS u mill-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS u konformità magħhom;

Żgurar ta' konsistenza u ekwità fil-proċess tal-valutazzjoni billi jiġu segwiti proċeduri standardizzati.

3. Twettiq ta' Valutazzjonijiet u Verifiki tal-Intervisti b'mod Professjonali u Etiku:

Twettiq ta' valutazzjonijiet u verifiki tal-intervisti b'livell għoli ta' professjonaliżmu, billi jinżammu standards etiċi u l-integrità matul il-proċess kollu;

Bar Staff
Front Office Staff
Restaurant Staff
Food and Beverage Service Staff
Housekeeping Staff
Kitchen Staff

Assessments and Interview Verifications

Initially, the following seven (7) assessments and interview verifications that fall within the above list of job families will be introduced, whilst others shall be developed when new NOSs will be developed:

1. Commis de Rang
2. Commis Chef
3. General Attendant
4. Receptionist
5. Luggage Porter
6. Bar Tender
7. Bar Waiter

Duties and Responsibilities

1. Follow General Procedures by ITS and ITS Training School:

Adhere to the overarching guidelines, policies, and procedures established by ITS and ITS Training School in the assessment process;

Stay updated on any changes or updates to the general procedures provided by ITS and ITS Training School.

2. Follow Established Assessment and Verification Procedures by ITS and ITS Training School:

Implement and adhere to the specific assessment and verification procedures outlined by ITS and ITS Training School;

Ensure consistency and fairness in the assessment process by following standardised procedures.

3. Conduct Assessment and Interview Verification in a Professional and Ethical Manner:

Conduct assessments and interview verifications with a high level of professionalism, maintaining ethical standards and integrity throughout the process;

Rispett u imparzjalità lejn il-kandidati kollha, filwaqt li tiġi żgurata esperjenza ta' valutazzjoni ġusta u imparzjali.

4. Teħid u Dħul ta' Marki u Riżultati:

Reġistrazzjoni u dokumentazzjoni preċiżi tal-marki u r-riżultati tal-valutazzjonijiet għal kull kandidat skont il-protokolli speċifikati tal-ITS u tal-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS.

Verifika tal-korrettezza tad-dħul tad-data biex jinżammu rekords preċiżi u affidabbli.

5. Approvazzjoni tar-Riżultati:

Rieżami u approvazzjoni tar-riżultati finali tal-valutazzjoni skont il-kriterji u l-istandards stabbiliti;

Żgurar li r-riżultati approvati jikkonformaw mal-prestazzjoni ta' kull kandidat abbażi tal-eżiti tal-valutazzjonijiet.

6. Għoti ta' Feedback Kostruttiv:

Għoti ta' feedback kostruttiv lill-kandidati biex ikunu jistgħu jifhmu s-saħħiet tagħhom u l-oqsma għat-titjib abbażi tar-riżultati tal-valutazzjonijiet;

Komunikazzjoni ċara u kostruttiva tal-feedback, filwaqt li jitrawwem ambjent ta' tagħlim pożittiv.

7. Kollaborazzjoni ma' Assessuri u Persunal Ieħor:

Kollaborazzjoni mal-assessuri u l-persunal biex jiġu żgurati l-konsistenza u l-kordinazzjoni fil-proċess tal-valutazzjoni;

Parteċipazzjoni f'laqgħat u diskussjonijiet biex tinqasam informazzjoni intuwittiva, jiġu indirizzati l-isfidi, u jittejjeb il-proċess tal-valutazzjoni ġenerali.

8. Żamma tal-Kunfidenzjalità:

Żamma tal-kunfidenzjalità tal-materjali ta' valutazzjoni, tar-riżultati, u ta' kwalunkwe informazzjoni sensittiva relatata mal-kandidati;

Segwitu tal-protokolli ta' privatezza biex titħares l-integrità tal-proċess tal-valutazzjoni.

9. Informazzjoni u Aġġornament Kontinwi:

Informazzjoni kontinwa dwar l-istandards tal-industrija, l-aqwa prattiki, u kwalunkwe tibdil fil-metodoloġiji tal-valutazzjoni;

Treat all candidates with respect and impartiality, ensuring a fair and unbiased assessment experience.

4. Take and Input Marks and Results:

Accurately record and document assessment marks and results for each candidate in accordance with the specified ITS and ITS Training School protocols.

Verify the correctness of data entry to maintain accurate and reliable records.

5. Endorse Results:

Review and endorse the final assessment results in accordance with the established criteria and standards;

Ensure that the endorsed results align with the performance of each candidate based on the assessment outcomes.

6. Provide Constructive Feedback:

Offer constructive feedback to candidates to help them understand their strengths and areas for improvement based on the assessment results;

Communicate feedback in a clear and constructive manner, fostering a positive learning environment.

7. Collaborate with Other Assessors and Staff:

Collaborate with fellow assessors and staff to ensure consistency and coordination in the assessment process;

Participate in meetings and discussions to share insights, address challenges, and improve the overall assessment process.

8. Maintain Confidentiality:

Uphold the confidentiality of assessment materials, results, and any sensitive information related to candidates;

Follow privacy protocols to protect the integrity of the assessment process.

9. Stay Informed and Updated:

Stay informed about industry standards, best practices, and any changes in assessment methodologies;

Involviment fl-iżvilupp professjonali kontinwu biex jittejbu l-ħiliet ta' valutazzjoni u jkun hemm aġġornament kontinwu mal-avvanzi fil-qasam.

10. Indirizzar tat-Tħassib tal-Kandidati:

Indirizzar fil-ħin u b'mod professjonali ta' kwalunkwe tħassib jew mistoqsija mqajma mill-kandidati dwar il-proċess tal-valutazzjoni;

Għoti ta' kjarifika u assistenza biex jiġi żgurat li l-kandidati jkollhom fehim ċar tal-eżiti tal-valutazzjoni;

Id-dmirijiet u r-responsabbiltajiet jistgħu jvarjaw skont il-kuntest u n-natura tal-valutazzjonijiet imwettqa mill-ITS u mill-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS.

Kriterji tal-Eliġibbiltà

Kwalifika mil-Livell 2 'il fuq f'Familja ta' Impjieg tal-Ospitalità relatata jew kwalifika ekwivalenti. Il-Familji tal-Impjieg huma relatati mal-Ħiliet Nazzjonali tal-Impjieg definiti mill-Awtorità ta' Malta tal-Edukazzjoni Avvanzata u Ogħla (MFHEA).

L-ekwivalenti ta' kwalifika hija esperjenza ta' impjieg inkrementali fil-Familja ta' Impjieg tal-Ospitalità relatata għal kull livell tal-MQF kif deskritt hawn taħt:

Kwalifika tal-Livell 2 tal-MQF = 4 snin esperjenza ta' impjieg inkrementali

Kwalifika tal-Livell 3 tal-MQF = 6 snin esperjenza ta' impjieg inkrementali

Kwalifika tal-Livell 4 tal-MQF = 8 snin esperjenza ta' impjieg inkrementali

Kwalifika tal-Livell 5 tal-MQF = 10 snin esperjenza ta' impjieg inkrementali

Kwalifika tal-Livell 6 tal-MQF = 12-il sena esperjenza ta' impjieg inkrementali

Kwalifika tal-Livell 7 tal-MQF = 14-il sena esperjenza ta' impjieg inkrementali

Kwalifika tal-Livell 8 tal-MQF = 16-il sena esperjenza ta' impjieg inkrementali

Kriterji tal-Għażla:

1. Kwalifiki akkademiċi u professjonali rilevanti għall-familji tal-impjieg imsemmija;

Engage in continuous professional development to enhance assessment skills and stay current with advancements in the field.

10. Address Candidate Concerns:

Address any concerns or questions raised by candidates regarding the assessment process in a timely and professional manner;

Provide clarification and assistance to ensure candidates have a clear understanding of the assessment outcomes;

The duties and responsibilities may vary based on the context and the nature of assessments conducted by ITS and ITS Training School.

Eligibility Criteria

A qualification from Level 2 upwards in a related Hospitality Job Family or the equivalent. Job Families are related to the National Occupational Skills defined by the Malta Further, Higher Education Authority (MFHEA).

The equivalent of a qualification is incremental work experience in the related Hospitality Job Family for every MQF level as outlined hereunder:

MQF Level 2 qualification = 4 years incremental work experience

MQF Level 3 qualification = 6 years incremental work experience

MQF Level 4 qualification = 8 years incremental work experience

MQF Level 5 qualification = 10 years incremental work experience

MQF Level 6 qualification = 12 years incremental work experience

MQF Level 7 qualification = 14 years incremental work experience

MQF Level 8 qualification = 16 years incremental work experience

Selection Criteria:

1. Academic and professional qualifications relevant to the job families mentioned;

2. Esperjenza fit-twassil ta' taħriġ jew valutazzjonijiet fl-industrija tal-ospitalità u t-turiżmu;

3. Familjarità mal-Istandards Nazzjonali tal-Impjieg (NOSs) approvati mill-MFHEA;

4. Ħiliet ta' komunikazzjoni u interpersonali b'saħħithom.

L-Assessuri magħżula għandhom ikunu disponibbli biex iwettqu valutazzjonijiet u intervisti ta' verifika kif meħtieġ u skont l-iskeda tal-valutazzjonijiet maħruġa mill-ITS/mill-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS.

Il-proċess tal-għażla tal-Assessuri se jinkludi rieżami tal-applikazzjonijiet, segwit minn intervisti mal-kandidati magħżula.

L-Assessuri magħżula għandhom isegwu d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet kif indikati mill-ITS u mill-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS.

L-Iskola ta' Taħriġ tal-ITS hija impenjata li tiżgura opportunitajiet ekwi għall-kandidati kwalifikati kollha.

Remunerazzjoni

Ir-rata ta' remunerazzjoni għax-xogħol imwettaq mill-Assessuri magħżula hija ta' €35 fis-siegħa.

Sottomissjoni tal-Applikazzjonijiet

L-applikanti interessati huma mistiedna jissottomettu l-applikazzjonijiet tagħhom flimkien ma' curriculum vitae aġġornata appoġġjata bil-kwalifiki tagħhom u b'ittra ta' akkumpanjament qasira li tesprimi l-interess tagħhom fir-rwol ta' Assessur, u:

1. jidentifikaw il-familja/familji ta' impjieg li huma kkwalifikati u/jew esperjenzati fihom mil-lista pprovduta; u

2. jidentifikaw il-valutazzjoni/verifika ta' intervista li huma kkwalifikati u/jew esperjenzati fiha mil-lista pprovduta.

L-applikazzjonijiet jistgħu jintbagħtu permezz ta' ittra elettronika lil (vacancies@its.edu.mt) sa mhux aktar tard mit-tmiem tal-ġurnata tax-xogħol tat-Tlieta, 12 ta' Marzu, 2024. Applikazzjonijiet sottomessi wara din id-data mhumiex se jiġu aċċettati.

It-8 ta' Marzu, 2024

2. Experience in delivering training or assessments in the hospitality and tourism industry;

3. Familiarity with the National Occupation Standards (NOSs) endorsed by the MFHEA;

4. Strong communication and interpersonal skills.

Selected Assessors are to be available to conduct assessments and verification interviews as required and as per issued assessment timetable by ITS/ITS Training School.

The selection process of Assessors will include a review of applications, followed by interviews with shortlisted candidates.

Selected Assessors must follow the duties and responsibilities as indicated by ITS and ITS Training School.

ITS Training School is committed to ensuring equal opportunities for all qualified candidates.

Remuneration

The remuneration rate for the conducted work by the selected Assessors is €35 per hour.

Submission of Applications

Permezz ta' digriet mogħti fis-27 ta' Frar, 2024, mill-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 7/24JPG fl-ismijiet Justin Cutajar vs Donatienne Tabone, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimata Donatienne Tabone a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Rikors fl-ismijiet Justin Cutajar (KI 302278M) vs Donatienne Tabone (KI 74878M) fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 7/2024JPG, ippreżentat fil-Qorti (Sezzjoni tal-Familja) fl-10 ta' Jannar, 2024, ir-rikorrenti Justin Cutajar (KI 302278M) talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ li ġie ċċelebrat nhar it-28 ta' Ġunju, 2013;

2. Tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess Onorabbli Qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bil-ħall taż-żwieġ tal-partijiet biex dan jiġi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Il-kawża fl-ismijiet Justin Cutajar vs Donatienne Tabone (Rikors numru 7/2024JPG) hija differita għat-13 ta' Marzu, 2024, fid-9.15 a.m.

Rikorrenti: Moonstone, Triq Juan B. Azopardo, In-Naxxar NXR 4403

Notifika: Aurora Court, Block B, P/H8, Triq Karmenu Vassallo, L-Iklin

Reġistru tal-Qrati (Sezzjoni Familja), illum 4 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree of the 27th February, 2024, of the Civil Court (Family Section), in the records of the Sworn Application in the names Justin Cutajar vs Donatienne Tabone, Application Number 7/2024JPG the following publication was ordered for the purpose of effecting service on the respondent Donatienne Tabone in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of an Application in the records of the Sworn Application number 7/2024JPG in the names Justin Cutajar (ID 302278M) vs Donatienne Tabone (ID 74878M), filed in the Civil Court (Family Section), on the 10th January, 2024, the applicant Justin Cutajar (ID 302278M) requested this Honourable Court to:

1. Pronounce the dissolution of marriage that was celebrated on the 28th June, 2013;

2. Order the Registrar of Courts so that within the time allowed for this by the same Honourable Court, he notifies the Director Public Registry of the dissolution of marriage of the parties so that it be registered in the Public Registry.

The application in the names Justin Cutajar vs Donatienne Tabone, Application Number 7/2024JPG has been postponed for hearing to the 13th March, 2024, at 9.15 a.m.

Applicant: Moonstone, Triq Juan B. Azopardo, Naxxar NXR 4403

Notification: Aurora Court, Block B, P/H8, Triq Karmenu Vassallo, Iklin

Registry of the Civil Courts (Family Section), today 4th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

546

Avviż mir-Reġistru tal-Qorti tal-Maġistratti (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjori, Sezzjoni Ġenerali

Billi Noel Teuma (karta tal-identità numru 2793G) ippreżenta Rikors Ġuramentat bin-numru ta' referenza 117/2023 (SG) fl-ismijiet 'Noel Teuma vs Direttur Reġistru Pubbliku (Għawdex)', fejn talab il-korrezzjoni fl-Att tat-

Notice by the Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Whereas Noel Teuma (identity card number 2793G) filed a sworn application bearing reference number 117/2023 (SG) in names 'Noel Teuma vs Director of Public Registry (Gozo)', whereby he requested the correction in the Act of Birth

Twelid numru 27/1993 u fl-Att taż-Żwieġ numru 32/2023 kif reġistrati fir-Reġistru Pubbliku tar-Rabat, Għawdex.

Kull min jista' jkollu interess fih, u jixtieq jopponi dik it-talba, huwa b'dan imsejjaħ jagħmel dan, permezz ta' nota li għandha tiġi ppreżentata fir-Reġistru ta' din il-Qorti, fi żmien ħmistax-il jum mill-jum tal-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

Dawk li, fiż-żmien hawn fuq imsemmi, ikunu ppreżentaw dik in-nota, għandhom jiġu mgħarrfa bin-notifika ta' kopja tal-imsemmi Rikors Ġuramentat, bil-ġurnata li tiġi iffissata għas-smigħ tal-kawża.

B'digriet tal-Qorti

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Superjuri, Sezzjoni Ġenerali

Illum 4 ta' Marzu, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Whoever may have an interest in it, and wishes to oppose that request, is hereby called upton to do so by means of a note to be presented in the Registry of this Court, within fifteen days from the day of publication of this notice in the Government Gazette.

Those who, within the time mentioned above, have presented such note, shall be served with the notification of a copy of the said sworn application, with the day that is set for the hearing of the case.

By order of the Court

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Superior Jurisdiction, General Section

Today, the 4th of March, 2024

MARGARET DE BATTISTA
Assistent Reġistratur, for the Registrar, Gozo Courts and Tribunals

547

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fis-17 ta' Jannar, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1388/2023AF, li ġie ppreżentat fis-7 ta' Diċembru, 2023, fl-ismijiet: Pace Andrew vs Pace Leonard, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tordna lill-konvenut sabiex jiżgombra mill-imsemmija dar, 436, 'JosCarm,' Triq il-Kanun, Santa Venera, fi żmien qasir u perentorju. Bl-ispejjeż legali kontra l-konvenut li huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għat-8 ta' April, 2024, fl-10.00 a.m.

Notifika Intimat: Pace Leonard. 436, 'JosCarm', Triq il-Kanun, Santa Venera

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 17th January, 2024, in the records of Sworn Application number1388/2023AF, which was filed on the 7th December, 2023, in the names: Pace Andrew vs Pace Leonard, the following publication was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Order the defendant to vacate the mentioned building, 436, 'JosCarm', Triq il-Kanun, Santa Venera, within a short and peremptory period. With legal costs against the defendant who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 8th April, 2024, at 10.00 a.m.

Notify Respondent: Pace Leonard. 436, 'JosCarm', Triq il-Kanun, Santa Venera

Registry of the Superior Courts, today 4th March, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

548

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, fl-14 ta' Diċembru, 2023, fl-atti tar-Rikors

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, Constitutional Jurisdiction, on the 14th December,

Kostituzzjonali numru 566/2023MS, li ġie ppreżentat fil-15 ta' Novembru, 2023, fl-ismijiet: Borg Joseph et vs l-Avukat tal-Istat et, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimati. Ir-rikorrenti talbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-Avukat tal-Istat iħallas l-istess kumpens u danni likwidati ai termini tal-liġi. Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet legali kontra l-intimati li huma inġunti għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Kostituzzjonali fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-15 ta' April, 2024, fid-9.15 a.m.

Notifika Intimati: Grech Michael u Grech Salvina, 122, Flat 1, Triq Ġużè D'Amato, Ħal Tarxien

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 4 ta' Marzu, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

2023, in the records of Constitutional Application number 566/2023MS, which was presented on the 15th November, 2023, in the names: Borg Joseph et vs State Advocate et, the following publication was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondents. The applicants asked this Honourable Court to, among others: Condemn the State Advocate to pay the same compensation and liquidated damages as stipulated by law. With costs and legal interest against the respondents who are summoned so that a reference to their evidence be made.

The Constitutional Application in the names mentioned above is postponed to 15th April, 2024, at 9.15 a.m.

Notify Respondents: Grech Michael and Grech Salvina. 122, Flat 1, Triq Ġużè D'Amato, Ħal Tarxien

Registry of the Superior Courts, today 4th March 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

549

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fid-29 ta' Jannar, 2024, fl-atti tar-Rikors Ġuramentat numru 1276/2023DC, li ġie ppreżentat fit-8 ta' Novembru, 2023, fl-ismijiet: HSBC Bank Malta plc vs Stivala Adrian, ġiet ordnata s-segwenti pubblikazzjoni a tenur tal-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kap.12, biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-intimat. Ir-rikorrent talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex fost oħrajn: Tikkundanna lill-konvenut iħallas is-somma ta' disgħa u sebgħin elf, mija u disgħa u ħamsin ewro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€79,159.81ċ). Bl-ispejjeż kollha u bl-imgħax legali kontra l-intimat li huwa inġunt għas-subizzjoni.

Ir-Rikors Ġuramentat fl-ismijiet imsemmija hawn fuq huwa differit għall-15 ta' April, 2024, fid-9.00 a.m.

Notifika Intimat: Stivala Adrian, Our Nest, Triq id-Delu, Il-Mosta

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 20 ta' Frar, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By means of a decree given by the Civil Court, First Hall, on the 29th January, 2024, in the records of Sworn Application number 1276/2023DC, which was filed on the 8th November, 2023, in the names: HSBC Bank Malta plc vs Stivala Adrian, the following publication was ordered in terms of Article 187 (3) et sequitur of Cap. 12, for the purpose of service of the respondent. The applicant asked this Honourable Court to, among others: Condemn the defendant to pay the sum of seventy nine thousand, one hundred and fifty nine euro and eighty one cents (€79,159.81c). With all costs and legal interest against the respondent who is summoned so that a reference to his evidence be made.

The Sworn Application in the names mentioned above is postponed to 15th April, 2024, at 9.00 a.m.

Notify Respondent: Stivala Adrian, Our Nest, Triq id-Delu, Mosta

Registry of the Superior Courts, today 20th February, 2024

CARMEL ABELA, M.SC. IN MANAGEMENT, DPA, DIP. LAWS OF PROCED. (MELIT.)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

550

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-1 ta' Marzu, 2024, fuq rikors ta' Maria Assunta Casha (KI 101749M) et ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 11 ta' Lulju, 2024,

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 01st March, 2024 the application of Maria Assunta Casha (ID101749M) et Thursday, 11th July, 2024 at eleven in the

fil-ħdax ta' filgħodu (11.00 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra nru 78 biswit l-Arkivju, Livell -1 Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt

1. Il-fond numerat bin-numri ħamsa u ħamsin, sitta u ħamsin u sebgħa u ħamsin (55 56 57) kantuniera man-numru sbatax (17) ġja numru erbgħa u erbgħin (44), Triq Rokku Buhagiar ma' Triq il-Parroċċa, Il-Qrendi, liberu u frank minn kwalunkwe piż, ċens, servitù jew dritt ieħor u jinkludi l-arja u s-sottoswol tiegħu u stmat li jiswa ħames mija u sittin elf ewro (€560,000);

2. Il-fond magħruf bħala Il-Mitħna bin-numru tlieta u sebgħin (73) ġja wieħed u tletin (31), fi Triq il-Kbira, Il-Qrendi, liberu u frank minn kwalunkwe piż, ċens, servitù jew dritt ieħor stmat li jiswa mija u erbgħin elf ewro (€140,000);

3. In-nofs indiviż tal-fond bin-numru erbgħa (4) u ħamsa (5), Sqaq Numru Erbgħa (4), fi Triq il-Kbira, Il-Qrendi, liberu u frank minn kwalunkwe piż, ċens, servitù jew dritt ieħor u jinkludi l-arja u s-sottoswol tiegħu u stmat li jiswa mija ħamsa u tmenin elf ewro (€185,000);

4. Il-fond numerat bin-numru tlieta (3), fi Triq Misraħ is-Sinjura ġja Triq San Nikola, Il-Qrendi, liberu u frank minn kwalunkwe piż, ċens, servitù jew dritt ieħor u jinkludi l-arja u s-sottoswol tiegħu, okkupat minn terzi, u stmat li jiswa mitejn u ħamsin elf ewro (€250,000);

5. L-għalqa magħrufa bħala Tas-Siġra fi Triq RAF Krendi, fil-limiti tal-Qrendi u li tinsab f'żona mlaqqma bħala Tal-Għarix, tal-kejl ta' ċirka elf u tnejn u tletin (1032) metru kwadru u aċċessibbli minn xatba li tagħti għall-passaġġ privat tar-riġel u tgawdi d-dritt ta' ilma minn bir fi proprjetà adjaċenti ta' terzi li tikkonfina mil-Lbiċ ma' proprjetà ta' Jonathan Cassar jew is-suċċessuri fit-titlu, mill-Punent u l-Majjistral ma' proprjetà ta' Joseph Camilleri jew is-suċċessuri fit-titlu u mill-Grigal ma' proprjetà ta' wieħed imlaqqam Ta' Massa jew is-suċċessuri fit-titlu jew irjieħ verjuri oħra u b'ċens annwu u perpetwu ta' tletin ċenteżmu fis-sena pagabbli lid-Dipartiment tal-Artijiet stmat li tiswa erbgħin elf ewro (€40,000);

6. L-għalqa magħrufa bħala Ta' Burbagar, fil-limiti tal-Qrendi u tal-kejl ta' ċirka elf u tmienja u għoxrin (1028) metru kwadru u maqsuma f'żewġ biċċiet. L-ewwel parti hija ta' kejl ta' ċirka erba' mija u ħdax (411) metru kwadru u hija aċċessibbli direttament minn sqaq li jagħti għal Triq Tal-Providenza. Din il-parti tal-għalqa għandha passaġġ ta' metru (1m) li jgħaddi minn fuq din il-parti favur terzi u fit-tarf ta' din il-parti wieħed isib xatba li tagħti għal passaġġ bir-rigel fuq proprjetà ta' terzi u minn fejn wieħed jista'

morning (11:00 am), has been fixed for the Sale by Auction to be held in room number 78, nearby the Courts Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

1. The tenement numbered number fifty five, fifty six and fifty seven (55 56 57) corner with number seventeen (17) previously number forty four (44), Triq Rokku Buhagiar with Triq il-Parroċċa, Qrendi, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitudes or any right including its airspace and subterrain valued at five hundred and sixty thousand euro (€560,000);

2. The tenement known as Il-Mitħna number seventy three (73) previously thirty one (31), in Triq il-Kbira, Qrendi, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitudes or other right valued at one hunded and forty thousand euro (€140,000);

3. The half undivided share of tenement number four (4) and five (5), Alley Number Four (4), in Triq il-Kbira, Qrendi, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitudes or any right and including its airspace and sub terrain valued at one hundred and eight five thousand euro (€185,000);

4. The tenement numbered number three (3), in Triq Misraħ is-Sinjura previously Triq San Nikola, Qrendi, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitudes or any other right and including its airspace and sub terrain, occupied by third parties and valued at two hundred and fifty thousand euro (€250,000);

5. The field known as Tas-Siġra in Triq RAF Krendi, limits of Qrendi and situated in a zone known as Tal-Għarix, approximately measuring one thousand and thirty two (1032) meters square and accessible from a gate leading to a walking private passage and with the right of well water from the adjacent third parties property bounded on the southwest by property of Jonathan Cassar or his successors in title, west and north by property of Joseph Camilleri or his successors in title, southeast by property of one known as Ta' Massa or his successors in title or other correct boundaries and annual and perpetual ground rent of thirty cents payable yearly to the Lands Department valued at forty thousand euro (€40,000);

6. The field known as Burbagar, limits of Qrendi and approximately measuring of one thousand and twenty eight (1028) square meters and divided in two parts. The first part measures approxitamely four hundred and eleven (411) square meters and is directly accessible from an alley that abuts to Triq Tal-Providenza. This part of the field has a passage of one metre (1m) that passes over this part in favour of third parties and at the end part one finds a gate that leads to a passage by footpath on third party property

jaċċessa t-tieni parti tal-għalqa li tikkonsisti fi tliet ħbula fuq livelli differenti.

L-ewwel parti ta' din l-għalqa tikkonfina min-Nofsinhar mal-isqaq, mil-Lvant ma' proprjetà tal-familja Farrugia jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom u mill-Majjistral ma' proprjetà tal-familja Muscat jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom jew irjieħ verjuri oħra u t-tieni parti tikkonfina mill-Punent ma' proprjetà tal-familja Muscat jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom min-Nofsinhar ma' proprjetà tal-familja Farrugia jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom u mit-Tramuntana ma' proprjetà mal-familja mlaqqma Ta' Smina jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom jew irjieħ verjuri oħra, libera u franka minn kwalunkwe piż, ċens, servitù jew dritt ieħor u tinkludi l-arja u s-sottoswol tagħha u stmata li tiswa ħamsa u erbgħin elf ewro (€45,000);

7. L-għalqa magħrufa bħala Ta' San Mattew jew Tal-Maqluba, fi Triq Wied iż-Żurrieq, limiti tal-Qrendi, ta' kejl ta' ċirka elf mija u tlettax-il metru kwadru (1113) li tikkonfina mill-Punent ma' Triq Wied iż-Żurrieq, mix-Xlokk ma' proprjetà ta' Michael Farrugia jew is-suċċessuri fit-titolu u mil-Lvant ma' proprjetà ta' Gianni Cassar jew is-suċċessuri fit-titlu tiegħu jew irjieħ verjuri oħra, libera u franka minn kwalunkwe piż, ċens, servitù jew dritt ieħor u tinkludi l-arja u s-sottoswol tagħha stmata li tiswa ħamsa u tletin elf ewro (€35,000);

8. Nofs indiviż (½) tal-għalqa ta' kejl ta' ċirka seba' mija sebgħa u sebghin metru kwadru (777) magħrufa bħala Ta' Żellieqat, aċċessibbli minn triq magħrufa bħala Taż-Żellieqa, fil-limiti tal-Qrendi, libera u franka minn kwalunkwe piż, ċens, servitù jew dritt ieħor u tinkludi l-arja u s-sottoswol tagħha stmata li tiswa tnax-il elf ewro (€12,000);

9. L-għalqa magħrufa bħala Tal-Ħniena, fi Triq il-Madonna tal-Ħniena, iż-Żurrieq fil-limiti tal-Qrendi, aċċessibbli minn passaġġ privat li huwa komuni mas-sidien l-oħra tar-raba' u ta' kejl ta' ċirka elf seba' mija tmienja u disgħin metru kwadru (1798), u tgawdi d-dritt ta' ilma minn bir ma' terzi kif ukoll kamra antika komuni bejn erba' għelieqi u tikkonfina mit-Tramuntana, mill-Punent u mil-Lvant ma' proprjetà ta' familja magħrufa bħala Tal-Konka jew is-suċċessuri fit-titlu tagħhom jew irjieħ verjuri oħra, libera u franka minn kwalunkwe piż, ċens, servitu jew dritt ieħor u tinkludi l-arja u s-sottoswol tagħha u stmat li tiswa tmenin elf ewro (€80,000).

L-imsemmija fondi huma proprjetajiet ta' Maria Assunta Casha (KI 101749M), George Casha (KI 643153M), Joseph Mary Cutajar (KI 166055M), Teresa Zammit (KI 750953M), Tarcisio Cutajar (KI 750458M), Lilian Lada (KI 569420M), Maria Dolores Cutajar bħala kuratur għall-assenti Joan sive Jane Catania u Joseph Mary Cutajar għall-eredità tad-defunta Maria Rosa Cutajar.

and one can access the second part of the field consisting in three enclosed portions on different levels.

The first part of this field is bounded on the south by the alley, on the east by property of the Farrugia family or their successors in title and on the north of the Muscat family or their successors in title or other correct boundaries and the second part is bounded on the west by property of Farrugia family or their successors in title and on the north by property of the family knows as Ta' Smina or their successors in title or other correct boundaries, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitude or any other right and including its airspace and sub terrain and valued at forty five thousand (€45,000);

7. The field known as Ta' San Mattew or Tal-Maqluba, in Triq Wied iż-Żurrieq, limits of Qrendi, approximately measures of one thousand and thirteen squares meters (1113) square meters bounded from the west by Triq Wied iż-Zurrieq, southeast by property of Michael Farrugia or his successors in title and on the east by property of Gianni Cassar or his successors in title or other correct boundaries, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitude or any other right and including its airspace and sub terrain valued at thirty five thousand euro (€35,000);

8. Undivided half (½) of the field measuring approximately of seven hundred and seventy-seven (777) square meters known as of Żellieqat, accessible from a road known as Taż-Żellieqa, limits of Qrendi, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitude or any other right and including its airspace and sub terrain valued at twelve thousand euro (€12,000);

9. The field known as Tal-Ħniena, in Triq il-Madonna tal-Ħniena, Żurrieq limits of Qrendi, accessible from a private passage which is common with the other land owners and approximately measure one thousand and seventy ninety eight (1798), accessibly from a passage and with the right of well water with other parties and an old common room between four fields and bounded from the north, west and east by property of a family known as Tal-Konka or his successors in title or other correct boundaries, free and unencumbered from any burden, ground rent, servitude or any other right and including its airspace and sub terrain, occupied by third parties and valued at eighty thousand euro (€80,000).

The said tenements are the properties of Maria Assunta Casha (ID 101749M), George Casha (ID 643153M), Joseph Mary Cutajar (ID 166055M), Teresa Zammit (ID 750953M), Tarcisio Cutajar (ID 750458M), Lilian Lada (ID 569420M), Maria Dolores Cutajar as a curator for the absent Joan sive Jane Catania and Joseph Mary Cutajar for the inheritance of the deceased of Maria Rosa Cutajar.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 33/20.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2024

MARVIC FARRUGIA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 33/20.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 5th March, 2024

MARVIC FARRUGIA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

551

B'digriet mogħti mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla, fl-1 ta' Marzu, 2024, fuq rikors ta' HSBC Bank Malta plc (C3177) ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 11 ta' Lulju, 2024, fl-għaxra u nofs ta' filgħodu (10.30 a.m.) għall-bejgħ bl-irkant, li għandu jsir f'Kamra Numru 78, Biswit l-Arkivju, Livell -1, Qrati tal-Ġustizzja, Triq ir-Repubblika, Il-Belt Valletta, tal-fond hawn taħt deskritt:

Il-proprjetà li tikkonsisti f'appartament fit-tieni sular (second floor level), internament immarkat numru erbgħa (4), formanti parti mill-blokka bl-isem Airways House, u li jinsab fuq in-naħa tax-xellug tal-istess blokka, liema blokka għandha n-numru mija u għaxra (110) ġja tnejn u għoxrin (22) fi Triq it-Torri, L-Imsida, konfinanti mill-Majjistral u mill-Grigal ma' proprjetà tal-familja Bonnici jew il-werrieta rispettivi fit-titolu, u min-naħa tal-Lbiċ mat-triq imsemmija Triq it-Torri. Il-proprjetà għandha l-permess maħruġ mill-Awtorità għall-Ippjanar għal użu ta' uffiċċju u mhux għal użu ta' residenza, u hu aċċessibbli minn lift jew taraġ tal-komun, mingħajr l-arja tiegħu, u jinkludi miegħu s-sehem indiviż, flimkien mas-sidien l-oħra tal-blokka tal-partijiet komuni inkluż id-dritt tal-użu tal-bejt għal finijiet ta' installazzjoni u manutenzjoni tal-aerial tat-televiżjoni u tank tal-ilma, liberu u frank u kif deskritt fl-atti tan-Nutar Anthony Abela tal-erbgħa ta' Settembru, tas-sena elfejn u erbatax (4.9.2014), u stmat li jiswa mitejn u tletin elf ewro (€230,000).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Milen Teodorov Mihaylov (KI 69361A).

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt fl-atti tas-subbasta 21/2023.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tlieta, 5 ta' Marzu, 2024

GAETANA AQUILINA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the Civil Court, First Hall, on the 1st March, 2024, on the application of HSBC Bank Malta plc (C3177), Thursday, 11th July, 2024, at half past ten in the morning (10.30 a.m.), has been fixed for the sale by auction to be held in Room Number 78, Nearby the Court Archives, Level -1, Courts of Justice, Triq ir-Repubblika, Valletta, of the following property:

The property consisting of an apartment on the second floor level, internally marked number four (4), forming part of the block named Airways House, and which is situated on the left side of the said block, which block has the number one hundred and ten (110) previously twenty two (22) in Triq it-Torri, Msida, bounded on the northwest and northeast by property of family Bonnici or their respective successors in title, and on the southwest by the mentioned street Triq it-Torri. The property has a permit issued by the Planning Authority for office use and not for residential use, and is accessible by lift or common stairs, without its airspace, and includes the undivided share together with the other owners of the block of the common areas including the right for use of the roof for the installation and maintenance of a television aerial and water tank, free and unencumbered, and as better described in the acts of Notary Anthony Abela of the fourth of September, of the year two thousand and fourteen (4.9.2014) and is valued at two hundred and thirty thousand euro (€230,000).

The said tenement is the property of Milen Teodorov Mihaylov (ID 69361A).

N.B. The said tenement will be sold as described in the acts of judicial sales number 21/2023.

Registry of the Superior Courts, this Tuesday, 5th March, 2024

GAETANA AQUILINA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

552

B'digriet mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) fil-15 ta' Novembru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 15th November, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et seq of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa, ippreżentat talba fid-19 ta' Settembru, 2023, fejn talbet lill-Qorti sabiex tikkundanna lil A.F. & Sons Ltd (C63296) ta' The Forum residence Block A, Flat 3, Triq ir-Rampila, Is-Swieqi, sabiex tħallas lill-kumpanija attriċi s-somma ta' €6,608.72, liema ammont huwa dovut lill-kumpanija attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax

Il-kawża (Avviż numru 232/2023NHV) fl-ismijiet Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited vs A. F. & Sons Ltd tinsab differita għall-11 ta' Marzu, 2024, fid-9.30 a.m.

Notifika: A. F. & Sons Ltd (C63296) ta' The Forum residence Block A, Flat 3, Triq ir-Rampila, Is-Swieqi

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 6 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Ghar-Registratur, Qrati u Tribunali

Vodafone Malta Limited today Epic Communications Limited (C10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa, filed a Claim on the 19th September, 2023, whereby they asked the Court to condemn A.F. & Sons Ltd (C63296) of The Forum residence Block A, Flat 3, Triq ir-Rampila, Swieqi, to pay the plaintiff company the sum of €6,608.72, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Notice number 232/2023NHV) in the names Vodafone Malta Limited today Epic Communications Limited vs A. F. & Sons Ltd is postponed for hearing for the 11th March, 2024 at 9.30 a.m.

Notification: A. F. & Sons Ltd (C63296) of The Forum residence Block A, Flat 3, Triq ir-Rampila, Swieqi

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 6th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

553

Bandu għall-Kuraturi

Repubblika ta' Malta

Lill-Marixxall tal-Qrati

B'digriet mogħti minn din il-Qorti fit-22 ta' Diċembru, 2023, fuq talba ta' Manoel Island Yacht Yard Limited ġie ordnat biex jintgħażlu kuraturi deputati biex jirrappreżentaw il-Bastiment M/Y Bim fl-atti tar-rikors ġuramentat numru 1447/2023JVC u fl-atti tal-mandat numru 2329/2023 fl-ismijiet Manoel Island Yacht Yard Limited vs Kuraturi Deputati u fl-atti l-oħra relattivi u sussegwenti.

Permezz ta' rikors ġuramentat numru 1447/2023JVC ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti, fl-ismijiet Manoel Island Yacht Yard Limited (C48138) vs Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw il-Bastiment M/Y Bim bin-numru uffiċjali 16925, fil-20 ta' Diċembru, 2023, ir-rikorrenti Manoel Island Yacht Yard Limited (C48138) talbet bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:

1. Tikkundanna l-bastiment intimat iħallas is-somma ta' €39,633.,84 lis-soċjetà rikorrenti.

Bl-ispejjeż, inkluż tal-mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar ippreżentat kontestwalment ma' dan ir-rikors u bl-imgħax kummerċjali mid-data minn meta l-ammont effettivament kien dovut sad-data tal-pagament effettiv.

Banns for Curators

Republic of Malta

To the Marshall of the Court

By means of a decree given by this Court on the 22nd December, 2023, following a request by Manoel Island Yacht Yard Limited it was ordered that deputy curators be chosen to represent the Vessel M/Y Bim in the acts of the sworn application number 1447/2023JVC and the warrant number 2329/2023 in the names Manoel Island Yacht Yard Limited vs Deputy Curators and in the other relative and subsequent acts.

By means of a sworn application number 1448/2023JVC, filed in the First Hall of the Civil Court, in the names Manoel Island Yacht Yard Limited (C48138) vs Deputy Curators to represent the vessel M/Y Bim with official number 16925, on 20th December, 2023, the applicant Manoel Island Yacht Yard Limited (C48138) respectfully requested this Honourable Court to:

1. Condemn the respondent vesselto pay the amount of €39,633.84 to the applicant company.

With costs, including those of the Warrant of Arrest of Sea Vessels filed concurrently with this applicantion and with commercial interest from the day that the amount was due till the date of effective payment.

Ir-rikors ġuramentat numru 1447/2023JVC fl-ismijiet Manoel Island Yacht Yard vs Kuraturi Deputati jinsab differit għall-14 ta' Marzu, 2024, fid-9.50. a.m. quddiem l-Imħallef Joanne Vella Cuschieri, LLD.

Permezz ta' Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq minn għaxar (10) metri tul (Kawtelatorju) numru 2329/2023 ippreżentat fil-Prim'Awla tal-Qorti, fl-ismijiet (rikorrenti) Manoel Island Yacht Yard Limited vs (intimat) Kuraturi Deputati sabiex jirrappreżentaw lill-bastiment M/Y Bim bin-numru uffiċjali 16925 fl-20 ta' Diċembru, 2023, ir-rikorrenti Manoel Island Yacht Yard Limited (C48138) talbet bir-rispett filwaqt li Andrew Wilson (KI 233196M) ikkonferma bil-ġurament:

Illi l-esponent/i jrid iqiegħed fiż-żgur dejn jew pretensjonijiet, in personam jew in rem, li bit-tluq tal-biċċa tal-baħar li qed tissemma f'tali rikors jiġu skartati;

Illi d-dejn jew pretenjsoni huma s-segwenti:

Is-somma ta' €39,633.84 rappreżentanti groundrent inkluż il-provista ta' dawl u ilma, bl-imgħax kummerċjali mid-data minn meta l-ammont effettivament kien dovut sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjeż riservati hekk kif jidher mill-anness Dok. A;

Illi l-biċċa tal-baħar li tagħha qed jintalab l-arrest hija s-segwenti:

Isem – MY Bim

Dettalji ta' identifikazzjoni tal-biċċa tal-baħar

1. Post ta' Registrazzjoni: Malta

2. Numru uffiċjali: 16925

3. Gross Tonnage: 20.50

4. Dati u post fejn inbniet: 2004, Fairline Boat Ltd, Qundle, Peterborough, United Kingdom

5. Marka: Fairline Targa, 52

Lok fejn qiegħda l-biċċa tal-baħar: Manoel Island Yacht Yard, Manoel Island, Il-Gżira GZR3013

Awtorità: Awtorità Marittima ta' Malta,Transport Malta, Transport Centre, Ħal Lija

Illi d-dettalji tal-persuna indikata mir-rikorrent sabiex jinnotifika kopja ta' dan il-mandat kif provdut fis-subartikolu (3) tal-artikolu 856 huma kif gej:

1. Isem sħiħ tal-persuna: Rudolph Cauchi

The Sworn Application number 1447/2023JVC in the names Manoel Island Yacht Yard vs Deputy Curators is postponed to the 14th March, 2024, at 9.50 a.m. before Madam Justice Joanne Vella Cuschieri, LLD

By means of the Warrant of Arrest of Seagoing Vessels over ten (10) metres in length (Precautionary) Number 2329/2023 filed in the First Hall of the Civil Court, in the names (applicant) Manoel Island Yacht Yard Limited vs (respondent) Deputy Curators to represent the vessel M/Y Bim with official number 16925, on the 20th December, 2023, the applicant Manoel Island Yacht Yard Limited (C48138) respectfully submitted and confirmed on oath by Andrew Wilson (ID 233196M):

That the applicant seeks to safeguard a debt or a claim, whether in personam or in rem, which could be frustrated by the departure of the sea vessel indicated in this application;

That the debt or claim is the following:

The amount of €39,633.84 representing groundrent including water and electricity service, with commercial interest from the date when the amount was effectively due till the date of effective paymet and with reserved costs as shown in the atached Doc. A;

That the details of the said sea vessel of which the arrest is being requested, are the following:

Name – MY Bim

Identification details of the sea vessel

1. Place of Registration: Malta

2. Official Number: 16925

3. Gross Tonnage: 20.50

4. Date and place when built: 2004, Fairline Boat Ltd, Qundle, Peterborough, United Kingdom

5. Make: Fairline Targa, 52

The place where the said vessel is to be found: Manoel Island Yacht Yard, Manoel Island, Gżira 3013

Authority: Authority for Transport in Malta, Transport Malta, Transport Centre, Ħal Lija

That the details of the person being indicated by the applicant to effect service of a copy of this warrant in accordance to sub-article (3) of article 856 are the following:

1. Full name of the individual: Rudolph Cauchi

2. Numru tal-karta ta' identità: 567777M

3. Indirizz: 447, St Joseph High Road, Santa Venera;

Illi r-rikorrent jikkonferma li l-persuna msemmija hawn fuq aċċettat li tagħmel din in-notifika;

Illi bit-tluq minn Malta tal-biċċa tal-baħar fuq irferita, id-dejn jew pretensjoni tar-rikorrent jista' jiġi eluż.

Għaldaqstant, ir-rikorrent qed jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tordna l-ħruġ tal-Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar kontra l-imsemmija biċċa tal-baħar għal kreditu hawn indikat, u bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura.

Illum 20 ta' Diċembru, 2023

Ippreżentat mill-Avukat Eliza Borg Rizzo u l-PL Jean Pierre Busuttil

Mandat ta' Arrest ta' Bċejjeċ tal-Baħar 'il fuq minn għaxar metri (Kawtelatorju)

Ordni tal-Qorti
Repubblika ta' Malta

Mandat tal-Qorti

Billi ġie ppreżentat 'il fuq imsemmi rikors, kopja tiegħu hawn annessa, jinkorru l-elemnti meħtieġa skont il-liġi għall-ħruġ ta' Mandat ta' Arrest ta' Biċċa tal-Baħar.

Għalhekk din il-Qorti qiegħda:

Tordna lill-Awtorità Marittima ta' Malta jew l-Awtorità hekk nominata mill-Ministru skont l-Artikolu 857 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura (Kap. 12) u li f'idejha tinsab jew taħt il-kontroll tagħha hija l-biċċa tal-baħar li kontra tagħha nħareġ dan il-Mandat ta' Arrest sabiex iżżomm il-biċċa tal-baħar u ma tirrilaxxax il-biċċa tal-baħar jew tippermetti lid-debitur milli b'xi mod jitlaq mill-pussess tiegħu l-istess biċċa tal-baħar, fis-sħiħ jew in parti, jew li jagħti jew iċedi xi drittijiet tal-istess;

Tordna lill-istess Awtorità sabiex tieħu l-miżuri neċessarji biex l-ordni tal-Qorti tinġieb għall-attenzjoni ta' terzi;

Tordna lill-Uffiċjal Eżekuttiv sabiex jesegwixxi dan il-mandat billi jinnotifika minnufih lill-Awtorità li f'idejha tinsab jew taħt il-kontroll tagħha hija l-biċċa tal-baħar li kontra tagħha nħareġ dan il-Mandat ta' Arrest u lill-persuna msemmija mir-rikorrent sabiex jinnotifika kopja tal-mandat kif stipulat fis-subartikolu (3) tal-artiklu 856 sakemm din il-persuna ma tkunx l-istess Uffiċjal Eżekuttiv li qiegħed jesegwixxi dan il-mandat;

2. Identity card number: 567777M

3. Address: 447, St Joseph, High Road, Santa Venera;

That the applicant confirms that the above-mentioned person has accepted to effect the said service;

That by the departure of the said vessel from Malta, the debt or claim of the applicant may be evaded.

Therefore, the applicant respectfully requests that this Honourable Court orders the issue of a Warrant of Arrest of Sea Vessels against the said sea vessel for the herein mentioned credit and with the costs of this procedure.

Today 20th December, 2023

Filed by Advocate Eliza Borg Rizzo and Legal Procurator Jean Pierre Busuttil.

Warrant of Arrest of Seagoing Vessels over ten metres in lenght (Precautionary)

Court Order
Republic of Malta

Court Warrant

Whereas the attached said application has been filed and there exist sufficient grounds according to law for the issuance of the Warrant of Arrest of Seagoing Vessels;

This Court thus:

Orders the Authority for Transport in Malta or any other authority so designated by the Minister in accordance with article 857 of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12) which has in its hands or under its control the seagoing vessel against which such warrant of arrest is being issued, to seize the vessel and not release such sea vessel or allow the debtor to divest himself in any way from the same vessel, in whole or in part, or to give or surrender to any person any rights on the same;

Orders the same authority to take all necessary measures to display the court order for the general attention of third parties;

Orders the Executive Officer to execute this warrant by serving it forthwith on the authority which has in its hands or under its control the seagoing vessel against which such warrant of arrest is being issued if the other person mentioned by the applicant to issue a copy of the warrant as stipulated in subarticle (3) of article 856 till this person is not the same Executive Officer that is executing this warrant;

Tordna lill-persuna msemmija mir-rikorrenti sabiex tinnotifika kopja tal-Mandat kif stipulat fis-subartikolu (3) tal-Artikolu 856 lill-persuna li l-vapur jew il-bastiment tagħha jkun ġie arrestat, il-kaptan jew persuna oħra li tkun responsabbli għal dak il-vapur jew bastiment, u televa d-dokumenti u ċertifikati appożiti minn fuq abbord il-biċċa tal-baħar, liema dokumenti u ċertifikati għandhom fi żmien gurnata (1) tax-xogħol jitqiegħdu mill-istess persuna f'idejn ir-Reġistratur, Qrati u Tribunali.

Mogħti mill-Qorti Prim'Awla hawn fuq imsemmija bix-xhieda tal-Onor. Imħallef Audrey Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 20 ta' Diċembru, 2023

Rikorrenti: c/o GS Advocates, Level 5, Airways House, High Street, Tas-Sliema

Notifika: Kuraturi deputati, il-Qorti, Il-Belt Valletta

Int għaldaqstant ordnat li twaħħal kopja uffiċjali ta' dan il-bandu fid-daħla ta' din il-Qorti Superjuri u ssejjaħ b'dan lil kull min irid jidħol bħala kuratur biex jidher fi żmien sitt ijiem f'dan ir-Reġistru u jagħmel b'nota d-dikjarazzjoni illi huwa jidħol għal dan.

Int ordnat ukoll li tgħarraf lil kull wieħed illi jekk ma jagħmilx din id-dikjarazzjoni fiż-żmien fuq mogħti, din il-Qorti tgħaddi biex tagħzel kuraturi tal-uffiċċju.

U wara li tkun għamilt dan, jew jekk tiltaqa' ma' xi xkiel fl-esekuzzjoni ta' dan il-bandu, inti għandek tgħarraf minnufih lil din il-Qorti.

Mogħti mill-Qorti Superjuri hawn fuq imsemmija biex xhieda tal-Onor. Imħallef Audrey Demicoli, LLD, Duttur tal-Liġi.

Illum 22 ta' Diċembru, 2023

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 7 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRADEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali.

Orders the person mentioned by the applicant to effect service of a copy of the warrant as stipulated in subarticle (3) of Article 856 on the person whose ship or vessel is arrested, the master or other person in charge of such ship or vessel and elevate the documentation and certificates on board of the seagoing vessel, which documentation and certificates the same person has one working day to deposit the same in the hands of the Registrar, Civil Courts and Tribunals.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Today 20th December, 2023

Applicant: c/o GS Advocates, Level 5, Airways House, High Street, Tas-Sliema

Notification: Deputy curators, Law Courts, Valletta

You are therefore ordered to affix an official copy of these banns at the entrance of this Superior Court and to summon whosoever wishes to act as curator to appear before this registry within six days and by means of a minute to submit a declaration that he wishes so to act.

You are also ordered to inform each one that if he fails to make this declaration within the stipulated time, the Court will proceed to the selection of curators of office.

And after so acting or if you should encounter any difficulty in the execution of these banns, you are to inform forthwith this Court.

Given by the Civil Court First Hall, above mentioned, with the witness of the Hon. Madam Justice Audrey Demicoli, LLD, Doctor of Laws.

Today 22nd December, 2023

Registry of the Superior Courts, today 7th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

554

Permezz ta' digriet mogħti fil-Prim'Awla tal-Qorti fil-5 ta' Marzu, 2024, fl-atti tal-ittra uffiċjali numru 976/2024, fl-ismijiet AOG International Holdings Ltd vs Credit Suisse AG et, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront tal-kumpaniji intimati Credit Suisse AG, Credit Suisse Asset Management (Schweiz) AG, Credit Suisse Funds AG, Credit Suisse (Schweiz) AG u UBS Group AG, a tenur tal-artikolu 2130(2) tal-Kap. 386 tal-Liġijiet ta'

It is hereby notified that the First Hall of Civil Courts by means of a decree given on the 5th March, 2024, in the records of the judicial letter number 976/2024, in the names AOG International Holdings Ltd vs Credit Suisse AG et, ordered the following publication for the purpose of effecting service on respondent companies Credit Suisse AG, Credit Suisse Asset Management (Schweiz) AG, Credit Suisse Funds AG, Credit Suisse (Schweiz) AG and UBS

Malta.

Fil-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 29 ta' Frar, 2024

Lil: 1) Credit Suisse AG
Paradeplatz 8, 8001 Zurich, l-Iżvizzera
("CS AG" u/jew l-"Ewwel Soċjetà Intimata")

2) Credit Suisse Asset Management (Schweiz) AG
Kalandergasse 4, 8045 Zurich, l-Iżvizzera
("CSAM (Schweiz) AG" u/jew it-"Tieni Soċjetà Intimata")

3) Credit Suisse Funds AG
c/o Credit Suisse AG, Uetlibergstrasse 231, 8045 Zurich, l-Iżvizzera
("CS Funds AG") u/jew it-"Tielet Soċjetà Intimata")

4) Credit Suisse (Schweiz) AG
Paradeplatz 8, 8001 Zurich, l-Iżvizzera
("CS (Schweiz) AG" u/jew ir-"Raba' Soċjetà Intimata")

5) UBS Group AG (suċċessur legali ta' Credit Suisse Group AG)
Bahnhofstrasse 45, 8001 Zurich, l-Iżvizzera
("UBS Group AG" u/jew il-"Ħamest Soċjetà Intimata")

6) Credit Suisse Fund Management S.A.
5, rue Jean Monnet, L-2180, il-Lussemburgu
("CS Fund Management S.A." u/jew is-"Sitt Soċjetà Intimata")

7) Credit Suisse Fund Services (Luxembourg) S.A.
5, rue Jean Monnet, L-2180, il-Lussemburgu
("CS Fund Services (Luxembourg) S.A. u/jew is-"Seba' Soċjetà Intimata")

U

8) Credit Suisse Virtuoso SICAV-SIF
5, rue Jean Monnet, L-2180, il-Lussemburgu
("CS Virtuoso SICAV" u/jew it-"Tmien Soċjetà Intimata")

1. Illi, permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, is-soċjetà mittenti AOG International Holdings Ltd (C33742), bl-uffiċċju reġistrat sitwat Portomaso Business Tower, Level 13, Portomaso, San Ġiljan STJ 4011, Malta (minn hawn 'il quddiem "AOG" u/jew l-"Esponenti"), tirreferi għall-'Credit Suisse (Lux) Supply Chain Finance Fund' ("SCFF") li fih investiet EWR 36,053,999.94, u li tqiegħed f'xoljiment f'Marzu 2021. Sal-lum il-ġurnata, l-Esponenti ħadet lura biss EUR 24,161,539.14, li jfisser li hemm EUR 11,892,460.80 pendenti;

Group AG, in terms of Article2130(2) of Chapter 386.

In the First Hall of the Civil Court

Today 29th February, 2024

To: 1) Credit Suisse AG
Paradeplatz 8, 8001 Zurich, Switzerland
("CS AG" and/or the "First Recipient")

2) Credit Suisse Asset Management (Schweiz) AG
Kalandergasse 4, 8045 Zurich, Switzerland
("CSAM (Schweiz) AG" and/or the "Second Recipient")

3) Credit Suisse Funds AG
c/o Credit Suisse AG, Uetlibergstrasse 231, 8045 Zurich, Switzerland
("CS Funds AG") and/or the "Third Recipient")

4) Credit Suisse (Schweiz) AG
Paradeplatz 8, 8001 Zurich, Switzerland
("CS (Schweiz) AG" and/or the "Fourth Recipient")

5) UBS Group AG (legal successor of Credit Suisse Group AG)
Bahnhofstrasse 45, 8001 Zurich, Switzerland
("UBS Group AG" and/or the "Fifth Recipient")

6) Credit Suisse Fund Management S.A.
5, rue Jean Monnet, L-2180, Luxembourg
("CS Fund Management S.A." and/or the "Sixth Recipient")

7) Credit Suisse Fund Services (Luxembourg) S.A.
5, rue Jean Monnet, L-2180 Luxembourg
("CS Fund Services (Luxembourg) S.A. and/or the "Seventh Recipient")

AND

8) Credit Suisse Virtuoso SICAV-SIF
5, rue Jean Monnet, L-2180, Luxembourg
("CS Virtuoso SICAV" and/or the "Eighth Recipient")

1. That by means of this present judicial letter, the sending company, AOG International Holdings Ltd (C33742), with registered office situated at Portomaso Business Tower, Level 13, Portomaso, St Julian's STJ 4011, Malta (hereafter "AOG" and/or the "Claimant"), refers to the Credit Suisse (Lux) Supply Chain Finance Fund (the "SCFF") in which it invested EUR 36,053,999.94, and which was placed in liquidation in March 2021. The Claimant has, to date, only been repaid EUR 24,161,539.14, leaving an amount of EUR 11,892,460.80 outstanding;

2. Illi l-Esponenti qed issofri dawn u danni oħrajn ikkaġunati direttament mill-aġir illeċitu, imġiba skoretta, u b'intenzjoni frawdolenti u/jew bl-użu ta' mezzi qarrieqa lejha, kif ukoll il-ksur tagħkom tal-obbligi fiduċjarji tagħkom lejha, kif se jiġi ampjament spjegat f'din l-ittra uffiċjali;

Sfond

3. AOG, grupp ta' investiment privat, kellha relazzjoni bankarja privata ma' CS AG mis-sena 2010. Din ir-relazzjoni bankarja ttieħdet minn CS (Schweiz) AG madwar is-sena 2017. Sa mill-2018, l-iSCFF ġie reklamat lil AOG bħala investiment b'riskju baxx b'kopertura ta' assigurazzjoni ta' 100% għall-investituri. L-iSCFF speċifikament ġie reklamat bħala wieħed mill-ħafna sub-funds taħt l-istruttura ta' CS Virtuoso SICAV, fond ta' investiment miftuħ stabbilit fit-23 ta' Marzu, 2007;

4. L-Ewwel Investiment: F'Marzu 2018, AOG inizjalment investiet USD 10 miljuni fl-iSCFF, speċifikament abbażi tal-assigurazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet fil-marketing materials fornuti minnkom. AOG biegħet il-pożizzjoni tagħha fit-23 ta' Marzu, 2020, għal dħul ta' USD 10,684,817.65;

5. CS (Schweiz) AG (ir-Raba' Soċjetà Intimata) fittxet diversi drabi li żżid il-profitabbiltà tar-relazzjoni mal-klijent tagħha AOG;

6. Sabiex tevita rati ta' mgħax negattivi fuq investimenti ta' flus kontanti, AOG riedet strateġija ta' investiment sigura u 'short-term'li setgħet tipproteġi l-kapital u toffri likwidità għolja b'riskju baxx – AOG kellha bżonn il-flus biex tinvesti fi proġetti antiċipati għal Marzu 2021;

7. CS (Schweiz) AG (ir-Raba' Soċjetà Intimata) irrakkomandat l-iSCFF lil AOG;

8. It-Tieni Investiment: AOG iddeċidiet li tinvesti EUR 36,053,999.94 b'valur datat it-23 ta' Diċembru 2020 fl-iSCFF – klassi ta' ishma IBH25 EWR (ISIN LU1598747886) abbażi ta' numru ta' assigurazzjonijiet mingħand CS (Schweiz) AG u intimati oħrajn, inkluż inter alia li:

8.1. Ikkostitwixxi investiment ta' riskju baxx u sikur bħala alternattiva għal żamma ta' flus kontanti,

8.2. Il-flus kienu se jintużaw biex jiffinanzjaw 'existing receivables' u/jew 'irrevocable payment obligations',

8.3. Kien se jkun hemm kopertura ta' assigurazzjoni ta' 100% tar-riskju tal-kreditu sottostanti minn kumpanniji ta' assigurazzjoni bi klassifikazzjoni minima ta' 'A' minn Standard & Poor jew A2 minn Moody's,

2. That the Claimant continues to suffer these and other damages as a direct result of your unlawful acts, improper conduct, fraudulent intent and/or employment of deceitful means towards it, as well as flagrant breach of your fiduciary duties towards it, as will be further explained in this judicial letter.

Background

3. AOG, a private investment group, maintained a banking relationship with CS AG since 2010. This banking relationship was taken over by CS (Schweiz) AG around 2017. As far back as 2018, the SCFF was advertised to AOG as a low-risk investment with 100% insurance cover for investors. The SCFF was specifically advertised as one of many sub-funds under the umbrella structure of CS Virtuoso SICAV, an open-ended investment fund established on 23 March, 2007;

4. The First Investment: In March 2018, AOG initially invested USD 10 million in the SCFF, in particular on the basis of the assurances and declarations in the marketing materials supplied by the recipients. AOG sold this position on 23 March, 2020, for proceeds of USD 10,684,817.65;

5. CS (Schweiz) AG (the Fourth Recipient) repeatedly sought to improve the profitability of its client relationship with AOG;

6. To avoid the burden of negative interest rates on cash holdings, AOG wanted a safe, short-term investment strategy that would protect capital and offer high liquidity with very low risk - AOG needed the money to invest in future projects anticipated for March 2021;

7. CS (Schweiz) AG (the Fourth Recipient) recommended the SCFF to AOG;

8. The Second Investment: AOG decided to invest EUR 36,053,999.94 with a value date of 23 December 2020 in the SCFF - share class IBH25 EUR (ISIN LU1598747886), on the basis of a number of assurances from CS (Schweiz) AG (the Fourth recipient) and other recipients, including, inter alia:

8.1. that it constituted a low-risk and safe investment as an alternative to cash holdings,

8.2. that the money would be used to finance existing receivables and/or irrevocable payment obligations,

8.3. that there would be 100% insurance cover of the underlying credit risk by insurance companies with a minimum rating of A from Standard & Poor's or A2 from Moody's,

8.4. Kien kopert minn garanzija tal-istat Ġermaniż,

8.5. Jiġu mħarsa linji gwida tal-investiment, u

8.6. Id-debituri individwali (xerrejja u fornituri) ikunu skrutinizzati u mmonitorjati bir-reqqa;

9. CS AG (l-Ewwel Soċjetà Intimata) hija sussidjarja tal-kumpanija holding UBS Group AG, u hija l-uniku proprjetarju ta' CS (Schweiz) AG (ir-Raba' Riċevitur);

L-iSCFF

10. Informazzjoni provduta lil AOG fil-prospectus u l-offering memorandum ta' CS Virtuoso SICAV (it-Tmien Soċjetà Intimata), fost oħrajn, tindika li l-iSCFF operat kif ser jiġi deskritt hawn taħt:

10.1. Klijenti ta' Credit Suisse, bħal per eżempju AOG, jinvestu billi jixtru ishma fl-iSCFF,

10.2. Dawk il-fondi tal-klijenti jiġu investiti f'bonds (magħrufa bħala "notes") maħruġin minn special purpose vehicles ("SPVs" u/jew l-"Issuers") bħala parti minn securitisation programme tar-receivables minn Greensill Capital (UK) Ltd, kumpannija ta' servizzi finanzjarji inkorporata taħt il-liġijiet tal-Ingilterra u Wales fl-2012 ("Greensill"),

10.3. Greensill ipprovdiet supply chain financing u servizzi relatati taħt numru ta' programmi differenti,

10.4. L-SPVs akkwistaw id-drittijiet għar-receivables ta' Greensill mill-programmi ta' supply chain financing, u dan kien jikkostitwixxi s-sigurtà għall-obbligi tal-SPVs lejn in-noteholders, inkluż l-iSCFF;

11. Fl-1 ta' Marzu, 2021, CSAM (Schweiz) AG (it-Tieni Soċjetà Intimata) ħabbret li s-sottoskrizzjoni u l-fidwa tal-ishma tal-iSCFF ġew sospiżi minħabba inċertezzi ta' valutazzjoni u d-disponibbiltà mnaqqsa ta' kopertura tal-assigurazzjoni għal investimenti ġodda;

12. Fl-4 ta' Marzu 2021, l-iSCFF tqiegħed f'xoljiment. Minn investiment inizzjali ta' EWR 36,053,999.94, AOG tħallset lura biss EUR 24,161,539.14, li jħalli EUR 11,892,460.80;

Devjazzjonijiet mill-Karatteristiċi Assigurati tal-iSCFF

13. Jirriżulta li l-assigurazzjonijiet u l-impriżi provduti minnkom, u li kienu jikkostitwixxu l-bażi tad-deċiżjoni li jsir l-investiment ta' AOG fl-iSCFF, ma kienux koretti;

8.4. that there would be coverage by a German state guarantee,

8.5. that investment guidelines would be complied with, and

8.6. that the individual debtors (buyers and suppliers) would be carefully scrutinised and monitored;

9. CS AG (the First Recipient) is a subsidiary of the holding company UBS Group AG, and is the sole owner of CS (Schweiz) AG (the Fourth Recipient);

SCFF

10. Information provided to AOG in the prospectus and offering memorandum of CS Virtuoso SICAV (the Eighth Recipient), among others, indicate that the SCFF operated in the following manner:

10.1. Credit Suisse clients, such as AOG, would invest by purchasing shares in the SCFF,

10.2. Those client funds were invested in bonds (also called "notes") issued by special purpose vehicles ("SPVs" and/or the "Issuers") as part of a securitisation programme of receivables from Greensill Capital (UK) Ltd, a financial services company incorporated under the laws of England and Wales in 2012 ("Greensill"),

10.3. Greensill provided supply chain financing and related services under a number of different programmes,

10.4. The SPVs acquired the rights to Greensill's receivables from the supply chain financing programmes, and this constituted the security for the SPV's obligations towards the noteholders, including the SCFF;

11. On 1st March, 2021, CSAM (Schweiz) AG (the Second Recipient) announced that the subscription and redemption of the SCFF shares were suspended due to valuation uncertainties and the reduced availability of insurance cover for new investments.

12. On 4 March 2021, the SCFF was placed into liquidation. From its initial investment of EUR 36,053,999.94, AOG has only been repaid EUR 24,161,539.14, leaving EUR 11,892,460.80 outstanding.

Deviations from the Warranted Characteristics of the SCFF

13. It transpires that the assurances and undertakings provided by the recipients, and which constituted the driving motivation for AOG's investment into the SCFF, were inaccurate;

14. Finanzjament ta' Future Receivables:

14.1. Fil-materjali kollha provduti lil AOG sa meta għamlet l-investiment tagħha, kif ukoll meta fil-fatt għamlitu l-investiment, l-iSCFF ġie deskritt bħala investiment f'trade receivables fuq kunsinni kurrenti ta' merkanzija, u mhux future receivables,

14.2. Madankollu, informazzjoni provduta wara li l-iSCFF tqiegħed f'xoljiment f'Marzu 2021 żvelat li l-iSCFF fil-fatt investa f'future receivables mingħajr ebda żvelar lill-investituri tiegħu. Greensill għalhekk ta kreditu lil fornituri qabel ma kien sar l-bejgħ ta' merkanzija, u f'ħafna każijiet is-self ma tħallasx lura meta mmatura u ġie estiż awtomatikament. Il-finanzjament ta' future receivables jinvolvi pre-financing ta' tranżazzjoni ta' kunsinna inċerta – u dan għandu impatt deċiżiv fuq il-profil tar-riskju tal-finanzjament, u konsegwentement, fuq il-fond li jinvesti f'dak il-finanzjament;

15. Kopertura ta' Assigurazzjoni:

15.1. L-iSCFF ġie wkoll reklamat li kellu kopertura ta' assigurazzjoni ta' 100% tar-riskju tal-kreditu sottostanti minn kumpanniji ta' assigurazzjoni bi klassifikazzjoni minima ta' 'A' minn Standard & Poor's jew 'A2' minn Moody's. Fil-preżentazzjoni tal-iSCFF, ġie saħansitra assigurat li t-talbiet tad-debituri kienu ggarantiti minn kumpannija ta' assigurazzjoni,

15.2. Madankollu, illum jidher li kwalunkwe poloz ta' assigurazzjoni li setgħu kienu fis-seħħ, ma ġewx imġedda, u minflok tħallew jiskadu. Filwaqt li huwa dubbjuż jekk xi polza ta' assigurazzjoni bħal din kinitx saħansitra tkopri l-finanzjament ta' Greensill ta' future receivables, ġie rrapurtat fil-midja li l-validità ta' tali poloz hija kkontestata għal raġunijiet ta' frodi u nuqqasijiet ta' żvelar,

15.3. L-iSCFF u l-entitajiet responsabbli ta' Credit Suisse kellhom obbligu li jiżguraw li jkun hemm fis-seħħ kopertura tal-assigurazzjoni adegwata u valida, li ma skadietx, u li kienet tkopri speċifikament ir-riskji tal-kreditu kollha inkluż il-finanzjament ta' future receivables. Huwa sostnut li l-intimati sottovalutaw ir-riskju assoċjat mal-iSCFF, kienu konxji tal-poloz ta' assigurazzjoni inadegwati fis-seħħ, u naqsu milli jieħdu miżuri xierqa jew saħansitra jinfurmaw lill-investituri inkluż AOG;

16. Nuqqas ta' Garanzija tal-istat Ġermaniż:

16.1. Għalkemm impjegat ta' CS (Schweiz) AG għamel referenza għal garanzija tal-istat Ġermaniż f'komunikazzjoni ma' AOG, ma kien hemm l-ebda informazzjoni jew spjegazzjoni dwar kif Garanzija tal-Istat Ġermaniż setgħet eżistiet jew kopriet l-iSCFF, u għalhekk l-intimati taw informazzjoni skoretta lil AOG;

14. Financing of "Future Receivables":

14.1. In all of the materials supplied to AOG up to and at the time it made its investment, the SCFF was described as investing in trade receivables from current deliveries of goods, and not future receivables,

14.2. However, information provided after the SCFF was placed into liquidation in March 2021 have revealed that the SCFF did in fact invest in future receivables with no disclosure to investors. Greensill therefore granted credit to suppliers before a sale of goods had taken place, and in many cases the loan was not repaid at maturity and was automatically extended. The financing of future receivables involves the pre-financing of an uncertain delivery transaction – this has a decisive impact on the risk profile of the financing, and consequently, on the fund that invests in that financing;

15. Insurance cover:

15.1. The SCFF was advertised as having a 100% insurance cover of the underlying credit risk by insurance companies with a minimum rating of A from Standard & Poor's or A2 from Moody's. In the SCFF presentation, it was even assured that the debtors' claims were guaranteed by an insurance company,

15.2. However, it now appears that any insurance policies which may have been in place were not renewed, and were instead left to expire. While it is doubtful whether any such insurance policies would even have covered Greensill's financing of future receivables, it has also been reported in the media that the validity of such policies is disputed on grounds of fraud and disclosure deficiencies,

15.3. The SCFF and the responsible Credit Suisse entities had an obligation to ensure that adequate, valid insurance coverage was in place, that had not lapsed, and that would have specifically covered all credit risks including the financing of future receivables. It is contended that the recipients understated the risk associated with the SCFF, were aware of the inadequate insurance policies in place, and failed to take appropriate measures or even inform investors including AOG.

16. Absence of a German State Guarantee:

16.1. Though a CS (Schweiz) AG employee made reference to a German state guarantee in communication with AOG, there has been no information or explanation as to how a German State Guarantee may have existed or covered the CS (Lux) Supply Chain Finance Fund, and therefore the recipients misrepresented this to AOG.

17. Nuqqas ta' Due Diligence u Monitoraġġ tad-Debituri u Kopertura ta' Assigurazzjoni:

17.1. Id-dokumenti tal-marketing tal-iSCFF irreklama li kien se jkun hemm funzjoni permanenti ta' risk management matul it-terminu tal-investimenti, b'monitoraġġ tas-suq, tal-kreditu, tal-likwidità, tal-kontroparti, riskji operazzjonali kif ukoll oħrajn, fuq bażi kontinwa. Fi kliem ieħor, obbligu li jwettqu d-due diligence tagħhom stess u analiżi ta' Greensill u l-programmi tiegħu,

17.2. L-intimati assiguraw ukoll li kienu se jiżguraw li d-debituri individwali u n-notes jkunu konformi mal-linji gwida tal-investiment. Fir-realtà, dan ma kienx il-każ. L-intimati naqsu milli jiżvelaw dan lil AOG u lill-investituri l-oħra, iżda aktar gravi minn hekk naqsu milli jadottaw kwalunkwe proċess effettiv u affidabbli biex iwettqu d-due diligence li kienu wegħdu tad-debituri sottostanti n-notes,

17.3. L-intimati, u b'mod partikolari l-Alternative Investment Fund Manager u l-Portfolio Manager tal-iSCFF, kellhom l-obbligu li jiżguraw li n-notes jissodisfaw il-kriterji speċifikati lill-investituri, inkluż tal-koperta ta' assigurazzjoni. Dan ma kienx sodisfatt. Dan juri nuqqasijiet kbar fid-due diligence u l-monitoraġġ tad-debituri rispettivi, kuntrarjament għall-assigurazzjonijiet fid-dokumenti tal-marketing;

18. L-iSCFF ma kienx ta' riskju baxx u investiment likwidu:

18.1. L-iSCFF ġie ppreżentat lil AOG bħala investiment ta' riskju baxx b'koperta ta' assigurazzjoni għall-investituri b'preferenza għal imgħax fiss jew investimenti li jixbħu flus kontanti. Il-Key Information Document, li CS (Schweiz) AG (ir-Raba' Soċjetà Intimata), kienet obbligata bil-liġi li tforni lil AOG, ikkategorizzat l-investiment fil-kategorija l-iktar baxxa,

18.2. Din kienet stampa falza tal-investiment lil AOG. Saru investimenti f'receivables li ma kinux likwidi, li ma kinux jeżistu, li kienu intrinżikament riskjużi u diffiċli biex jiġu vvalutati;

19. Tkompli toħroġ prova tar-rappreżentazzjoni falza tal-iSCFF mill-intimati. Is-severità tan-nuqqasijiet tal-intimati fir-rigward tal-iSCFF ikkawżat preġudizzju derju lil AOG bħala investitur fl-istruttura, li għalih l-intimati qed jinżammu kompletament responsabbli;

20. Illi għalhekk, permezz tal-preżenti ittra uffiċjali, AOG qed tinfurmalkom formalment li qed iżżommkom, l-intimati, responsabbli in solidum għad-danni kollha inkluż spejjeż u interessi sofferti minn AOG bħala riżultat tal-aġir illeċitu u imġieba skoretta, imwettqa b'intenzjoni frawdolenti u/jew bl-użu ta' mezzi qarrieqa lejha. AOG tirriżerva id-drittijiet kollha tagħha li tipproċedi billi tibda proċeduri ġudizzjarji quddiem qorti jew tribunal arbitrali fir-rigward tagħkom

17. Absence of Due Diligence and Monitoring of Debtors and Insurance Cover:

17.1. The marketing documents of the SCFF advertised that there would be a permanent risk management function during the term of the investments, with monitoring of market, credit, liquidity, counterparty, operational and other risks on an ongoing basis. In other words, an obligation to conduct its own due diligence and analysis of Greensill and its programmes,

17.2. The recipients had also assured AOG that they would ensure that individual debtors and the notes would comply with the investment guidelines. In reality, this was not the case. The recipients failed to disclose this to AOG and the other investors, but more grievously failed to actually adopt any effective and reliable processes to conduct the due diligence it had promised of the underlying debtors of the notes,

17.3. The recipients, and in particular the Alternative Investment Fund Manager and portfolio manager of the SCFF, had an obligation to ensure that the notes met the criteria specified to investors, including of insurance coverage. This was not fulfilled. This illustrates gross deficiencies in the due diligence and monitoring of respective debtors, contrary to the assurances in the marketing documents;

18. SCFF was not a low-risk and liquid investment:

18.1. The SCFF was presented to AOG as a low-risk investment with insurance cover for investors with a preference for fixed interest or cash-like investments. The Key Information Document, which CS (Schweiz) AG (the Fourth Recipient) was obliged at law to provide to AOG, categorised it in the lowest risk category,

18.2. This was a false portrayal of the investment to AOG. Investments were made in illiquid, non-existent receivables, inherently risky and difficult to value;

19. Evidence of the false portrayal of the SCFF by the recipients continues to emerge. The severity of the recipients' shortcomings in relation to the SCFF has caused grave prejudice to AOG as investor in the structure for which the recipients are being held fully responsible;

20. That therefore, by means of this present judicial letter, AOG hereby puts you on formal notice that it is holding you, the recipients, jointly and severally liable for all damages including costs and interest incurred by AOG as a result of the recipients' illegal behaviour and improper conduct, carried out with fraudulent intent and/or deceitful means. AOG reserves all of its rights to proceed by instituting proceedings before a court of law or arbitral tribunal in your

għall-ksur tagħkom kuntrattwali, delittwali jew kważi-delittwali, kif ukoll tal-obbligi fiduċjarji tagħkom taħt il-liġijiet ta' Malta lejha;

21. Illi intom ukoll avvżati li kwalunkwe dokumenti jew provi relatata ma' din il-kwistjoni għandhom jiġu ppreżervati għall-finijiet ta' proċeduri ġudizzjarji li jistgħu jitressqu kontrikom jew minn minkom imma ankè għalll-finijiet ta' investigazzjonijiet kontrikom mill-Awtoritàjiet kompetenti wara kwerela minn AOG u/jew investituri oħrajn;

22. Illi mingħajr preġudizzju għas-su espost, din l-ittra qed tintbagħat sabiex jiġi interrot kull perjodu ta' preskrizzjoni applikabbli skont il-każ ai termini tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta u kull dispożizzjoni oħra applikabbli, inkluż iżda mhux limitat għal Artikoli 1124F, 2153, 2154, u 2156(f) tal-Kap. 16;

23. Illi din l-ittra hija kompletament mingħajr preġudizzju għal kull liġi jew ġuriżdizzjoni applikabbli tal-qrati jew tribunal tal-arbitraġġ, kif ukoll għal kwalunkwe ftehim li sar bejn il-partijiet fir-rigward il-liġi jew ġuriżdizzjoni applikabbli tal-qrati jew tribunal tal-arbitraġġ li għal kull bon fini għadhom applikabbli u fis-seħħ bis-sħiħ bejn il-partijiet. Illi b'hekk, din l-ittra m'għandha bl-ebda mod titqies daparti tal-mittenti bħala rinunzja jew tnaqqis tad-dritt tagħhom li jkomplu bil-proċeduri ġja mressqa jew li għad jridu jiġu ntavolati fi ġuriżdizzjonijiet oħrajn (inkluż iżda mhux limitat għall-Iżvizzera) u/jew arbitraġġ u dan taħt kwalunkwe liġi applikabbli (inkluż iżda mhux limitat għal-liġijiet tal-Iżvizzera), kontrikom jew min minnkom, biex b'hekk din l-ittra qiegħda tintbagħat mingħajr preġudizzju għal kwalsijasi ġuriżdizzjoni esklussiva tal-qrati jew tribunal f'tali ġuriżdizzjoni u/jew taħt il-liġi applikabbli fil-ġuriżdizzjoni skont il-każ.

Tant biex tagħrfu timxu u sabiex jiġu evitati spejjeż żejda u proċeduri oħra legali kontrikom.

Bl-ispejjeż u l-imgħax sad-data tal-pagament effettiv.

Reġistru Qrati Superjuri, illum 7 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

regard for your breaches in contract, tort, quasi-tort, as well as of your fiduciary obligations under the Laws of Malta towards it;

21. That the recipients are further put on notice to preserve all documentary evidence in relation to the matter in question for the purposes of eventual judicial proceedings that may be instituted against you, as well as for the purposes of any investigation that may be undertaken by the relevant competent authorities following a complaint by AOG and/or other investors;

22. That without prejudice to the above, this letter is being sent for the purposes of effecting the interruption of the applicable prescriptive period in terms of the provisions contained in Chapter 16 of the Laws of Malta and every provision of any other applicable law, including but not limited to Article 1124F, 2153, 2154, and 2156(f).

23. This letter is completely without prejudice to any and all applicable laws or jurisdiction of the applicable courts or arbitration tribunals, as well as to any agreements entered into between the parties with respect to the applicable law or jurisdiction of the applicable courts or arbitration tribunals, which for the sake of clarity, are being declared as remaining fully applicable between the parties. Accordingly, the sender is in no way renouncing, diminishing or waiving their right to continue with or to initiate legal proceedings in any other jurisdiction (including, but not limited to, in Switzerland) and/or arbitration and this under any applicable law (including, but not limited to the laws of Switzerland), against any of the recipients, and is therefore, being sent without prejudice to the exclusive jurisdiction of the courts of such other country and/or exclusive application of the laws of such other country, as the case may be.

Please be guided accordingly to avoid further costs and judicial proceedings.

With costs and interest till the date of effective payment.

Registry of the Superior Courts, today 7th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

555

B'digriet tat-Tribunal għal Talbiet Żgħar, tas-26 ta' Ottubru, 2023, ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skont l-Artikolu 187(3) et sequitur tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

By a decree of the Small Claims Tribunal of the 26th October, 2023, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) et sequitur of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

Vodafone Malta Limited illum Epic Communications Limited (C10865) ta' Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000, ippreżentaw Talba, fid-19 ta' Settembru, 2023, fejn talbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lil Philip Abela (KI 303466M) ta' Furniture Spray Masters, Garage 1, Plot G, Triq Naġġara fi Triq Ġdida, Il-Mosta, sabiex iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' €1890, liema ammont huwa dovut lis-soċjetà attriċi.

Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet

Il-kawża (Avviż numru 344/2023CL) hija differita għat-13 ta' Marzu, 2024, fis-1.00 p.m.

Reġistru tal-Qorti Maġistrati (Malta), illum 7 ta' Marzu, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Vodafone Malta Limited (C 10865) today Epic Communications Limited (C10865) of Skyparks Business Centre, Malta International Airport, Ħal Luqa LQA 4000 filed a Claim on the 19th September, 2023, whereby they asked the Tribunal to condemn Philip Abela (ID 303466M) of Furniture Spray Masters, Garage 1, Plot G, Triq in-Naġġara fi Triq Ġdida, Mosta, to pay the plaintiff company the sum of €1890, which amount is due to the plaintiff company.

With costs and interests

The case (Claim number 344/2023CL) is deferred on the 13h March, 2024, at 1.00 p.m.

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 7th March, 2024

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

556

ARB/C019/2024 – ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-1 ta' Marzu, 2024 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja (il-Maġistrat Dott. Elaine Rizzo, LLD). Kumpilazzjoni numru 139/2024, fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur John Leigh Howard)
(l-Ispettur Jonathan Cassar)

Kontra

JOHN LEE BARMWELL, jaħdem fil-kostruzzjoni, ta' 38 sena, iben il-mejjet John, imwieled l-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju Unit jew l-Irlanda, fis-6 ta' Marzu, 1986, residenti ġewwa 100, Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar, u detentur ta' liċenzja tas-sewqan tar-Renju Unit bin-numru 80306692.

AKA

OLIVER JAMES LAWSON, ta' 35 sena, ġenituri mhux magħrufa, imwieled l-Ingilterra, ir-Renju Unit, fil-15 ta' Settembru, 1988, mingħajr indirizz fiss f'Malta, u detentur ta' liċenzja tas-sewqan tar-Renju Unit bin-numru LAWSO809158OJ9UT12.

ORDNAT is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma proprjetà ta'

ARB/C019/2024 – FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 1st March, 2024 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Elaine Rizzo, LLD). Compilation Number 139/2024 in the case:

The Police
(Inspector John Leigh Howard)
(Inspector Jonathan Cassar)

Versus

JOHN LEE BARMWELL, works in construction, 38 years, son of the late John, born in Northern Ireland, United Kingdom or Ireland, on the 6th March, 1986, residing at 100, Triq San Pawl, St Paul's Bay, and holder of a United Kingdom driving licence bearing number 80306692.

AKA

OLIVER JAMES LAWSON, 35 years, unknown parents, born in England, United Kingdom, on the 15th September, 1988, without a fixed address in Malta, and holder of a United Kingdom driving licence bearing number LAWSO809158OJ9UT12.

ORDERED the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due to or pertaining or belonging to JOHN LEE

JOHN LEE BARMWELL AKA OLIVER JAMES LAWSON u pprojbietu milli jittrasferixxi, jagħti b'rahan, jipoteka jew xort'oħra jiddisponi minn xi proprjetà mobbli jew immobbli, u dan ai termini tal-Artikolu 22A tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluż i, Kap. 101 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kull persuna li tagħmel xi ħaġa bi ksur tal-ordni tal-Qorti msemmi fl-Artikolu 22A tkun ħatja ta' reat u teħel meta tinstab ħatja multa ta' mhux iżjed minn ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin ewro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87) jew priġunerija għal żmien ta' mhux iżjed minn tnax-il xahar, jew dik il-multa u priġunerija flimkien.

Kull trasferiment ieħor jew tneħħija oħra ta' proprjetà li jsiru bi ksur ta' dik l-ordni tal-Qorti jkunu nulli u ma jkollhom ebda effett fil-liġi.

Illum 7 ta' Marzu, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

BARMWELL AKA OLIVER JAMES LAWSON and prohibits the said accused from transferring, pledging, hypothecating or otherwise disposing of any movable or immovable property, and this according to Article 22A of the Dangerous Drugs Ordinance, Cap. 101 of the Laws of Malta.

Any person who acts in contravention of the court order mentioned in Article 22A referred to above shall be guilty of an offence and shall on conviction be liable to a fine (multa) not exceeding eleven thousand, six hundred and forty-six euro and eighty-seven cents (€11,646.87), or to imprisonment for a period not exceeding twelve months, or to both such fine and imprisonment.

Any transfer or other disposal of any property made in contravention of the said Court order shall be null and without effect at law.

Today 7th March, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

557

ARB/C031/2020 – VARJAZZJONI TAL-ORDNI TAL-IFFRIŻAR

IKUN JAF KULĦADD illi b'digriet mogħti fl-4 ta' Awwissu, 2023 mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali (il-Maġistrat Dott. Astrid May Grima, LLD). Fil-kawża fl-ismijiet:

Il-Pulizija
(l-Ispettur Joseph Mercieca)

Kontra

JOSEPHINE FARRUGIA MIFSUD, avukat, ta' 45 sena, bint il-mejjet Andrew Farrugia u Mary Farrugia xebba Borg, imwielda Tal-Pietà, Malta, fid-29 ta' Ottubru, 1978, residenti ġewwa 5, Pietra, Triq l-Inbid, Ħ'Attard, u detentriċi ta' karta tal-identità Maltija bin-numru 518278M.

Il-Qorti AWTORIZZAT lill-imputata JOSEPHINE FARRUGIA MIFSUD sabiex tesegwixxi pagamenti mill-kont tal-bank intestat f'isimha li jispiċċa -5103 u li huwa miżmum mal-BNF Bank plc, bir-restrizzjoni li l-flejjes joħorġu biss sabiex jitħallsu l-pagi tal-impjegati tagħha.

ARB/C031/2020 – VARIATION OF A FREEZING ORDER

IT IS BEING NOTIFIED that by a decree dated 4th August, 2023 given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Judicature (Magistrate Dr Astrid May Grima, LLD). In the case:

The Police
(Inspector Joseph Mercieca)

Versus

JOSEPHINE FARRUGIA MIFSUD, lawyer, 45 years, daughter of the late Andrew Farrugia and Mary Farrugia née Borg, born in Tal-Pietà, Malta on the 29th October, 1978, residing at 5, Pietra, Triq l-Inbid, Ħ'Attard, and holder of Maltese identity card bearing number 518278M.

The Court AUTHORISES the accused JOSEPHINE FARRUGIA MIFSUD to carry out payments from the bank account listed in her name ending -5103 and held at BNF Bank plc, with the restriction that only her employees' salary payments may be issued.

Il-Qorti AWTORIZZAT wkoll lill-imputata JOSEPHINE FARRUGIA MIFSUD sabiex tiftaħ kont tal-klijenti wieħed sabiex jiġu depożitati biss il-ħlasijiet tal-klijenti. Illi ma jistax isir irtirar ta' flejjes minn dan il-kont.

Din il-varjazzjoni qed issir ai termini tal-Artikolu 5 (3) tal-Att kontra Money Laundering, Kap. 373 tal-Liġijiet ta' Malta, wara digriet ta' ordni tal-iffriżar mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Struttorja (il-Maġistrat Dott. Astrid May Grima, LLD) fl-10 ta' Settembru, 2020, li ġiet ippubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern fil-15 ta' Settembru, 2020, fejn il-Qorti ordnat is-sekwestru f'idejn terzi persuni b'mod ġenerali, tal-flejjes u l-proprjetà mobbli jew immobbli kollha li huma dovuti lil, jew imissu lil, jew li huma propjetà ta' JOSEPHINE FARRUGIA MIFSUD.

Illum 7 ta' Marzu, 2024

IS-SUR ANTON SEVASTA
Direttur, Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi

The Court also AUTHORISES the accused JOSEPHINE FARRUGIA MIFSUD to open one client account in order to deposit client payments only. That no withdrawals may be made from this account.

This variation is being published in terms of Article 5 (3) of the Prevention of Money Laundering Act, Cap. 373 of the Laws of Malta, following a freezing order which decree was given by the Court of Magistrates (Malta) as a Court of Criminal Inquiry (Magistrate Dr Astrid May Grima, LLD) on the 10th September, 2020, which was published in the Government Gazette on the 15th September, 2020, where the court ordered the attachment in the hands of third parties in general of all moneys and other movable or immovable property due or pertaining or belonging to JOSEPHINE FARRUGIA MIFSUD.

Today, 7th March, 2024

MR ANTON SEVASTA
Director, Asset Recovery Bureau

558

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-19 ta' Frar, 2024 (Rikors numru 14/2024) minn Camilla Marguerite Engerer, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Anne Marmara, xebba, bint William Marmara u Giulia née Fenech, imwielda Detroit, Michigan, l-Istati Uniti tal-Amerika u ġiet dikjarat bħala preżunta mejta bis-saħħa ta' digriet tat-22 ta' Lulju, 2022 (digriet numru 84/2022BS), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' Mary mart Anthony Grech Sant (KI 1025848M) fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż, a favur Camilla Engerer (KI 530752M), Loraine Hodgkins (KI 120656M), Rosanne Calleja (KI 301167M) u Joseph Abela (KI 1037044M) fi kwota ta' wieħed minn tmienja (1/8) indiviż kull wieħed u waħda u a favur Maria Victoria sive Marvic Grixti (KI 723451M), Joseph Fenech Laudi (KI 207555M), Mark Fenech Laudi (KI 663258M), Carmen Rose Miggiani (KI 674656M), Elizabeth Mary Curmi (KI 681853M) u Bernard Fenech Close (KI 337361M) fi kwota ta' wieħed minn erbgħa u għoxrin (1/24) kull wieħed u waħda, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the 19th of February, 2024 (Application number 14/2024) by Camilla Marguerite Engerer, the opening of the succession was requested of Anne Marmara, spinster, daughter of William Marmara and Giulia née Fenech, born in Detroit, Michigan, United States of America and was declared as presumed dead by virtue of a decree dated 22nd of July, 2022 (decree number 84/ 2022BS), which opening of succession should be made in favor of Mary wife of Anthony Grech Sant (ID 1025848M) in an undivided quarter (1/4) quota, in favor of Camilla Engerer (ID 530752M), Loraine Hodgkins (ID 120656M), Rosanne Calleja (ID 301167M) and Joseph Abela (ID 1037044M) in a quota of one-eighth (1/8) undivided each and a in favor of Maria Victoria sive Marvic Grixti (ID 723451M), Joseph Fenech Laudi (ID 207555M), Mark Fenech Laudi (ID 663258M), Carmen Rose Miggiani (ID 674656M), Elizabeth Mary Curmi (ID 681853M) and Bernard Fenech Close (ID 337361M) in a quota of one out of twenty-four (1/24) each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Marzu, 2024

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 6th of March, 2024

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

559

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġuriżdizzjoni Volontarja fid-19 ta' Frar 2024 (Rikors numru 15/2024) minn Camilla Marguerite Engerer, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Barbara Winziesky sive Winser, xebba, bint Theodore Winziesky sive Winser u Jane Winziesky sive Winser, imwielda Detroit, Michigan, l-Istati Uniti tal-Amerika u ġiet dikjarat bħala preżunta mejta bis-saħħa ta' digriet tat-22 ta' Lulju, 2022 (digriet numru 84/2022BS), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' Mary mart Anthony Grech Sant (KI 1025848M) fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż, a favur Camilla Engerer (KI 530752M), Loraine Hodgkins (KI 120656M), Rosanne Calleja (KI 301167M) u Joseph Abela (KI 1037044M) fi kwota ta' wieħed minn tmienja (1/8) indiviż kull wieħed u waħda u a favur Maria Victoria sive Marvic Grixti (KI 723451M), Joseph Fenech Laudi (KI 207555M), Mark Fenech Laudi (KI 663258M), Carmen Rose Miggiani (KI 674656M), Elizabeth Mary Curmi (KI 681853M) u Bernard Fenech Close (KI 337361M) fi kwota ta' wieħed minn erbgħa u għoxrin (1/24) kull wieħed u waħda, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the 19th of February 2024 (Application number 15/2024) by Camilla Marguerite Engerer, the opening of the succession was requested of Barbara Winziesky sive Winser, spinster, daughter of Theodore Winziesky sive Winser and Jane Winziesky sive Winser, born in Detroit, Michigan, United States of America and was declared as presumed dead by virtue of a decree dated 22nd of July, 2022 (decree number 84/ 2022BS), which opening of succession should be made in favor of Mary wife of Anthony Grech Sant (ID 1025848M) in an undivided quarter (1/4) quota, in favor of Camilla Engerer (ID 530752M), Loraine Hodgkins (ID 120656M), Rosanne Calleja (ID 301167M) and Joseph Abela (ID 1037044M) in a quota of one-eighth (1/8) undivided each and a in favor of Maria Victoria sive Marvic Grixti (ID 723451M), Joseph Fenech Laudi (ID 207555M), Mark Fenech Laudi (ID 663258M), Carmen Rose Miggiani (ID 674656M), Elizabeth Mary Curmi (ID 681853M) and Bernard Fenech Close (ID 337361M) in a quota of one out of twenty-four (1/24) each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Illum 6 ta' Marzu, 2024

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

Today the 6th of March, 2024

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

560

Ikun jaf kulħadd illi b'rikors ippreżentat fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, fid-19 ta' Frar 2024 (Rikors numru 16/2024) minn Camilla Marguerite Engerer, intalbet l-apertura tas-suċċessjoni ta' Theodore Winziesky sive Winser, ġuvni, bin Theodore Winziesky sive Winser u Jane Winziesky sive Winser, imwielda Detroit, Michigan, l-Istati Uniti tal-Amerika u ġiet dikjarata bħala preżunta mejta bis-saħħa ta' digriet tat-22 ta' Lulju, 2022 (digriet numru 84/2022BS), liema apertura ta' suċċessjoni għandha ssir a favur ta' Mary mart Anthony Grech Sant (KI 1025848M) fi kwota ta' kwart (1/4) indiviż, a favur Camilla Engerer (KI 530752M), Loraine Hodgkins (KI 120656M), Rosanne Calleja (KI 301167M) u Joseph Abela (KI 1037044M) fi kwota ta' wieħed minn tmienja (1/8) indiviż kull wieħed u waħda u a favur Maria Victoria sive Marvic Grixti (KI 723451M), Joseph Fenech Laudi (KI 207555M), Mark Fenech Laudi (KI 663258M), Carmen Rose Miggiani (KI 674656M), Elizabeth Mary Curmi (KI 681853M) u Bernard Fenech Close (KI 337361M) fi kwota ta' wieħed minn erbgħa u għoxrin (1/24) kull wieħed u waħda, ġie ordnat il-ħruġ ta' dan il-bandu biex jiġi mgħarraf kull min jista' jkollu x'jaqsam fih.

Għaldaqstant, kull min jidhirlu li għandu interess huwa b'dan imsejjaħ biex jidher quddiem il-Qorti fuq imsemmija sabiex b'nota jmur kontra dik it-talba fi żmien ħmistax-il ġurnata li jibda jgħaddi minn dak il-jum li fih jiġi mwaħħal il-bandu.

Mogħti mill-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja, bix-xhieda ta' Dott. Brigitte Sultana, Duttur tal-Liġi, Maġistrat tal-Qorti hawn fuq imsemmija.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex), Ġuriżdizzjoni Volontarja

Illum 6 ta' Marzu, 2024

DANIEL SACCO
Deputat Reġistratur, għar-Reġistratur, Qrati u Tribunali (Għawdex)

It is hereby notified that by means of an application filed in the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, on the 19th of February 2024 (Application number 16/2024) by Camilla Marguerite Engerer, the opening of the succession was requested of Theodore Winziesky sive Winser, bachelor, son of Theodore Winziesky sive Winser and Jane Winziesky sive Winser, born in Detroit, Michigan, United States of America and was declared as presumed dead by virtue of a decree dated 22nd of July, 2022 (decree number 84/ 2022BS), which opening of succession should be made in favor of Mary wife of Anthony Grech Sant (ID 1025848M) in an undivided quarter (1/4) quota, in favor of Camilla Engerer (ID 530752M), Loraine Hodgkins (ID 120656M), Rosanne Calleja (ID 301167M) and Joseph Abela (ID 1037044M) in a quota of one-eighth (1/8) undivided each and a in favor of Maria Victoria sive Marvic Grixti (ID 723451M), Joseph Fenech Laudi (ID 207555M), Mark Fenech Laudi (ID 663258M), Carmen Rose Miggiani (ID 674656M), Elizabeth Mary Curmi (ID 681853M) and Bernard Fenech Close (ID 337361M) in a quota of one out of twenty-four (1/24) each, the issue of these bands was ordered to let know everyone who may have an interest therein.

Therefore, anyone who might have an interest is hereby summoned to appear before the aforementioned Court in order to oppose that request by means of a note within fifteen days which start running from the day of the posting of the banns.

Issued by the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction, with the testimony of Dr Brigitte Sultana, Doctor of Law, Magistrate of the aforementioned Court.

Registry of the Court of Magistrates (Gozo), Voluntary Jurisdiction

Today the 6th of March, 2024

DANIEL SACCO
Deputy Registrar, for the Registrar, Courts and Tribunals (Gozo)

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC® — *Printed at the Government Printing Press on FSC® certified paper*

FSC
www.fsc.org
MIX
Paper from responsible sources
FSC® C140603